Nru./No. 19,943
Prezz/Price
€4.32

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 2 ta' Frar, 2018
Friday, 2nd February, 2018

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 913 - 933
Government Notices ..... *913 - 933*

Avviżi tal-Pulizija ..... 933 - 936
Police Notices ..... *933 - 936*

Avviżi lill-Baħħara ..... 937 - 938
Notices to Mariners ..... *937 - 938*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 938 - 951
Employment Opportunities ..... *938 - 951*

Avviżi tal-Gvern ..... 952 - 968
Notices ..... *952 - 968*

Offerti ..... 968 - 983
Tenders ..... *968 - 983*

Avviżi tal-Qorti ..... 983 - 1004
Court Notices ..... *983 - 1004*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 113

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħamis, l-1 ta' Frar, 2018, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP.

Il-31 ta' Jannar, 2018
(OPM/40/2017)

Nru. 114

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Frar, 2018 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru.113 tal-31 ta' Jannar, 2018, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-31 ta' Jannar, 2018
(OPM/40/2017)

Nru. 115

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. II tal-2018 imsejjaħ l-Att tal-2018 li jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

It-2 ta' Frar, 2018

Nru. 116

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Kunsill għat-Trattament Xieraq tal-Annimali

SKONT Taqsima II, artikolu 4(2)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439), il-Prim Ministru

GOVERNMENT NOTICES

No. 113

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Thursday, 1st February, 2018, during the absence from Malta of the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP.

31st January, 2018

No. 114

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP, resumed duties as Prime Minister on Friday, 2nd February, 2018, and that the arrangements made by Government Notice No. 113 of the 31st January, 2018, ceased to have effect accordingly.

31st January, 2018

No. 115

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. II of 2018 entitled the Public Administration (Amendment) Act, 2018.

2nd February, 2018

No. 116

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

Council for Animal Welfare

IN terms of Part II, article 4(2)(a) of the Animal Welfare Act (Cap. 439), the Prime Minister has appointed Ms Nevise

ħatar lis-Sa Nevise Borg Caligari bħala *Chairperson* tal-Kunsill għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Il-membri tal-Kunsill għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, kif maħtura mill-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, skont Taqsima II, artikli 4(2)(b) sa 4(2)(j) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439), huma kif ġej:

Dr Roberto Andrea Balbo
Is-Sur Noel Montebello
Is-Sa Janice Falzon
Dr Sabrina Bonnici
Dr Jurgen Galea
Dr Robert Schembri
Is-Sur Joseph Camenzuli
Is-Sa Simone Buhagiar
Is-Sa Moira Delia
Is-Sur Shaun Pete Azzopardi
Is-Sur George Fenech

Is-Sa Nikita Attard inħatret Segretarja tal-Kunsill għat-Trattament Xieraq tal-Annimali skont Taqsima II, artikolu 4(6) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439).

Il-ħatriet kollha huma effettivi mit-28 ta' Awwissu, 2017 għal perjodu ta' tliet (3) snin.

It-2 ta' Frar, 2018

Nru. 117

L-ATT DWAR L-IMPJIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ħatra tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi

NGĦARRFU b'din illi, skont is-setgħat mogħtija lilha b'Artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (KAP. 452), il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza ħatret il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi, għal perijodu ta' sena b'seħħ mill-15 ta' Lulju, 2017, kif ġej:

Chairperson
Il-Prof. Edward Zammit

Deputat Chairperson
Direttur, Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (ex officio)

Membri
Is-Sur Chris Attard
Is-Sur Josef Vella
Is-Sur Josef Bugeja

Borg Caligari as Chairperson of the Council for Animal Welfare.

The members of the Council for Animal Welfare, as appointed by the Minister for the Environment, Sustainable Development and Climate Change, in terms of Part II, articles 4(2)(b) to 4(2)(j) of the Animal Welfare Act (Cap. 439) are as follows:

Dr Roberto Andrea Balbo
Mr Noel Montebello
Ms Janice Falzon
Dr Sabrina Bonnici
Dr Jurgen Galea
Dr Robert Schembri
Mr Joseph Camenzuli
Ms Simone Buhagiar
Ms Moira Delia
Mr Shaun Pete Azzopardi
Mr George Fenech

Ms Nikita Attard has been appointed Secretary to the Council for Animal Welfare in terms of Part II, article 4(6) of the Animal Welfare Act (Cap. 439).

All appointments are effective as of the 28th August, 2017 for a period of three (3) years.

2nd February, 2018

No. 117

EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS ACT (CAP. 452)

Appointment of Employment Relations Board

IT is hereby notified that, in terms of the powers conferred by article 3(2) of the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452), the Minister for European Affairs and Equality has appointed the Employment Relations Board for a period of one year with effect from 15th July, 2017, as follows:

Chairperson
Prof. Edward Zammit

Deputy Chairperson
Director, Industrial and Employment Relations (ex officio)

Members
Mr Chris Attard
Mr Josef Vella
Mr Josef Bugeja

Dr Martin Balzan
Is-Sur Alfred Attard
Is-Sur Frank V. Farrugia
Is-Sur Joseph Farrugia
Is-Sa. Abigail Mamo
Dr Anthony Licari
Is-Sur Michael Sant
Is-Sa Doris Pace Grma
Is-Sur Kevin Camilleri (osservatur)
Dr Matthew Brincat (osservatur)

Segretarju
Is-Sur Brandon Lee Magri

It-2 ta' Frar, 2018

Nru. 118

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP
(KAP. 552)

Kumitat ta' Konsulenza dwar id-Disinn tal-Awtorità tal-Ippjanar

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 67 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 552), is-Sur Kevin Fsadni ġie nominat mill-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali biex iservi bħala Membru fil-Kumitat ta' Konsulenza dwar id-Disinn, jissostitwixxi lill-Perit Raymond Demicoli, b'seħħ mill-25 ta' Jannar, 2018.

It-2 ta' Frar, 2018

Nru. 119

REGOLAMENTI DWAR IL-KAMRA TAL-PERITI
(L.S. 390.01)

Kunsill tal-Kamra tal-Periti

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont l-Artikolu 3 tar-Regolamenti dwar il-Kamra tal-Periti (L.S. 390.01), il-Kunsill tal-Kamra tal-Periti huwa kostitwit kif ġej:

President
Il-Perit Alex Torpiano

Viċi President
Il-Perit Simone Vella Lenicker

Segretarju Onorarju
Il-Perit Amber Wismayer

Dr Martin Balzan
Mr Alfred Attard
Mr Frank V. Farrugia
Mr Joseph Farrugia
Ms Abigail Mamo
Dr Anthony Licari
Mr Michael Sant
Ms Doris Pace Grima
Mr Kevin Camilleri (observer)
Dr Matthew Brincat (observer)

Secretary
Mr Brandon Lee Magri

2nd February, 2018

No. 118

DEVELOPMENT PLANNING ACT
(CAP. 552)

Design Advisory Committee of the Planning Authority

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 67 (2) of the Development Planning Act (Cap. 552), Mr Kevin Fsadni has been nominated by the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects to serve as Member on the Design Advisory Committee, replacing Perit Raymond Demicoli, as from 25th January, 2018.

2nd February, 2018

No. 119

CHAMBER OF ARCHITECTS REGULATIONS
(S.L. 390.01)

Chamber of Architects and Civil Engineers

IT is notified for general information that, in accordance with Article 3 of the Chamber of Architects Regulations (S.L. 390.01), the Chamber of Architects and Civil Engineers is composed as follows:

President
Perit Alex Torpiano

Vice President
Perit Simone Vella Lenicker

Honorary Secretary
Perit Amber Wismayer

Membri
Il-Perit Jeanette Abela
Il-Perit Anthony Bezzina
Il-Perit Sandro Cini
Il-Perit Alberto Miceli Farrugia
Il-Perit Ivynne Grixti
Il-Perit Lara Mifsud
Il-Perit Andrè Pizzuto
Il-Perit Damian Vella Lenicker

It-2 ta' Frar, 2018

Members
Perit Jeanette Abela
Perit Anthony Bezzina
Perit Sandro Cini
Perit Alberto Miceli Farrugia
Perit Ivynne Grixti
Perit Lara Mifsud
Perit Andrè Pizzuto
Perit Damian Vella Lenicker

2nd February, 2018

Nru. 120

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUNTRATTI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Jacqueline Gili	Direttur Ġenerali *Director General*	Dipartiment tal-Kuntratti *Department of Contracts*	19.02 - 09.03.2018

It-2 ta' Frar, 2018

No. 120

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CONTRACTS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Jacqueline Gili	Direttur Ġenerali *Director General*	Dipartiment tal-Kuntratti *Department of Contracts*	19.02 - 09.03.2018

2nd February, 2018

Nru. 121

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR *(*STANDARDS GĦALL-ĦARSIEN SOĊJALI*)*

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Rita Calleja	Direttur *Director*	Standards għall-Ħarsien Soċjali *Social Welfare Standards*	04.02 - 06.02.2018

It-2 ta' Frar, 2018

No. 121

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (SOCIAL WELFARE STANDARDS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Family, Children' s Rights and Social Solidarity has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Rita Calleja	Direttur *Director*	Standards għall-Ħarsien Soċjali *Social Welfare Standards*	04.02 - 06.02.2018

2nd February, 2018

Nru. 122

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

Riżenja mill-Pożizzjoni ta' Deputat Reġistratur fid-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja (Malta)

NGĦARRFU li Kristie Xuereb, KI 62493M, Deputat Reġistratur (Diploma), m'għadhiex taqdi l-funzjonijiet ta' Deputat Reġistratur fid-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja (Malta) b'seħħ mit-22 ta' Jannar, 2018.

Is-26 ta' Jannar, 2018

No. 122

MINISTRY FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

Resignation from the Position of Deputy Registrar at the Courts of Justice Department (Malta)

IT is hereby being notified that Kristie Xuereb, ID 62493 M, Deputy Registrar (Diploma), has ceased to perform the duties of Deputy Registrar at the Courts of Justice Department (Malta) with effect from 22nd January, 2018.

26th January, 2018

Nru. 123

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Għotja mill-Gvern fuq ix-Xiri ta' Roti u Roti *Pedelec* minn Kumpaniji li Jikru dawn it-Tip ta' Roti

BIEX il-Gvern jinċentiva l-użu ta' mezzi ta' transport li ma jħammġux filwaqt li jinċentiva l-eżerċizzju fiżiku, il-Ministru għall-Finanzi qiegħed iniedi din l-iskema.

1. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xorta oħra:

'applikant' tfisser kumpanija reġistrata jew persuna li taħdem għal rasha li tkun qiegħda tapplika għall-għotja taħt din l-iskema, u li tkun ix-xerrej ta' roti jew roti *pedelec* u li toffri dawn ir-roti għall-kiri;

'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għall-għotja taħt din l-iskema;

'data effettiva' tfisser l-1 ta' Jannar, 2018;

'għotja' tfisser l-għotja li qiegħda tingħata taħt din l-iskema lix-xerrej ta' roti jew roti *pedelec* u li tkun tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 4;

'irċevuta fiskali' tfisser riċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), kif sussegwentament emendat, u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

'kumpanija reġistrata' tfisser kull kumpanija kummerċjali reġistrata f'Malta mal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjari;

'Malta' tfisser il-Gżejjer Maltin;

'Ministru' tfisser il-Ministru reponsabbli għall-Finanzi;

'negozji' tfisser kull kumpanija kummerċjali, kompriżi soċjetajiet bi sħubija, reġistrata f'Malta mal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji jew persuna li taħdem għal rasha skont il-liġi nazzjonali jew koperattiva;

'persuna reġistrata li taħdem għal rasha' tfisser, għall-fini ta' din l-iskema, kull persuna li toqgħod f'Malta u li hija reġistrata mal-Korporazzjoni għax-Xogħol, mad-Dipartiment tat-Taxxa u mad-Dipartiment tal-VAT u li għandha liċenzja ta' kummerċ mid-Dipartiment tal-Kummerċ;

No. 123

MINISTRY FOR FINANCE

Government Grant on the Purchase of Bicycles and Pedelec Bicycles by Companies that Offer Such Bicycles for Hire

IN ORDER to encourage the use of clean means of transport while, at the same time, encouraging physical exercise, the Minister for Finance has made the following scheme.

1. Interpretation

In this scheme, unless the context otherwise requires:

'applicant' means the registered company or registered self employed person applying for the grant under this scheme and who is the purchaser of bicycles or pedelec bicycles and that offers such bicycles for hire;

'application' means the application made for a grant under this scheme;

'effective date' means the 1st January, 2018;

'grant' means the grant being given under this scheme to the purchaser of a bicycle or pedelec bicycle which satisfies the requirements of paragraph 4;

'fiscal receipt' means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax (Cap. 406), as subsequently amended, and also includes any regulation made by the same Act;

'registered company' means any commercial company registered in Malta with the Malta Financial Services Authority;

'Malta' means the islands of Malta;

'Minister' means the Minister responsible for Finance;

'businesses' means any commercial company including partnerships registered in Malta with the Malta Financial Services Authority or a self-employed person in accordance to National Law or a cooperative society;

'registered self employed' means, for the purpose of this scheme, any person who resides in Malta and is registered with the Employment Corporation , the Inland Revenue Department, the Value Added Tax Department and has a trade licence from the Trade Department.

'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap. 258) jew li jkollha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin;

'rota' tfisser kwalunkwe biċikletta li ma għandhiex mutur installat magħha, u tinkludi wkoll biċikletta *pedelec,* li hija rota megħjuna permezz ta' mutur tal-elettriku fil-qadfien tagħha. Dan il-mutur jassisti liċ-ċiklist fil-qadfien tiegħu/tagħha meta jkun hemm biss il-qadfien tar-rota. Rota *pedelec* ma jkollhiex aċċeleratur u l-enerġija ġenerata mill-mutur tal-elettriku tagħha ma jeċċedix il-250 *watt*. Il-piż tar-rota *pedelec* meta mhix mgħobbija ma għandux jeċċedi l-40 kg u s-60 kg fil-każ ta' rota *pedelec tandem*;

'Stat Membru' tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

'Unjoni Ewropea' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460), u tinkludi n-Norveġja, l-Iżlanda u Liechtenstein;

'valur tax-xiri tar-rota' tfisser il-valur aħħari tax-xiri tar-rota kompluta, inkluż il-VAT, esklużkwalunkwe materjal addizzjonali jew aċċessorji, u liema valur tar-rota jkun tħallas kollu mill-applikant qabel japplika għal din l-għotja.

2. Applikabbiltà

Din l-iskema tapplika għall-infiq li jsir fuq il-valur tax-xiri tar-rota jew rota *pedelec* mill-applikant, liema rota tkun inxtrat mill-applikant fid-data effettiva jew wara, matul it-terminu tal-iskema.

3. L-infiq li għandu jiġi rrapportat

L-infiq li għandu jiġi rrapportat huwa dwar il-valur tax-xiri tar-rota jew rota *pedelec* kif huwa deskritt f'sezzjoni (1) hawn fuq.

4. Kif wieħed japplika u dokumenti li għandhom jiġu pprovduti

Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom isiru biss permezz ta' *portal/s* elettroniku/ċi uffiċjali li jistgħu jiġu indikati għal dan l-iskop minn żmien għal żmien.

Għal dan l-iskop, l-applikant għandu jagħti d-dettalji tal-fatturi/l-irċevuti fiskali u kull dokumentazzjoni oħra

'person residing in Malta' means a natural person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap. 258) or who has a residence permit or a letter issued from the expatriate office at the Ministry of Foreign Affairs;

'bicycle' means any bicycle that is not a motor-powered bicycle and includes also a pedelec bicycle, which is an electric pedal cycle which must be pedalled and which electric motor assists the cyclist only when the cyclist is pedalling. A pedelec bicycle does not possess a throttle and its electric motor must have an output not exceeding 250 watts. The kerbside weight of the pedelec bicycle must not exceed 40 kg and 60 kg in the case of a pedelec tandem bicycle;

'Member State' means a Member State of the European Union;

'European Union' has the same meaning as is assigned to it by article 2 of the European Union Act (Cap. 460), and includes Norway, Iceland and Liechtenstein;

'purchase price of the bicycle' means the total purchase price of the complete bicycle including VAT, however excluding any additional parts or accessories and which purchase price have been paid in full by the applicant prior to applying for this grant;

2. Area of applicability

This scheme applies to the expenditure that is incurred on the purchase price of the bicycle or pedelec bycicle by the applicant, and which bicycle is purchased by the applicant on the effective date or afterwards during the duration of this scheme.

3. Expenditure to be reported

The expenditure to be reported is in respect of the purchase price of the bicycle or pedelec bicycle as defined in section (1) above.

4. Manner of application and supporting documents

Applications under this scheme shall be made only via the official electronic portal/s which may be indicated from time to time for this purpose.

For this purpose, the applicant shall furnish the details of the invoices/fiscal receipts and any further documentation

meħtieġa hekk kif meħtieġ fuq il-*portal* indikat. Iżda, l-irċevuti fiskali oriġinali/fatturi u dokumentazzjoni rilevanti għandhom jinżammu mill-applikant għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn mid-data tal-applikazzjoni u jiġu preżentati lill-Kummissarju tat-Taxxi meta mitluba għal skop ta' verifika.

Fin-nuqqas li d-dokumenti jiġu preżentati meta mitluba l-applikant ikun obbligat li jirrifondi l-ammont li jkun ingħata taħt l-iskema u tittieħed azzjoni kriminali skond il-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) kontra tiegħu f'każ ta' applikazzjoni frawdolenti.

Fil-każ ta' rota jew rota *pedelec* mhix mixtrija minn Malta jkun meħtieġ li dawn id-dokumenti kif ġej jinżammu mill-applikant għall-perjodu kif indikat iktar 'ilfuq. Id-dokumenti meħtieġa huma l-*invoice* oriġinali maħruġa mill-fornitur tar-rota flimkien mad-*delivery note*, id-dokument oriġinali li jikkonfera li l-ħlas komplet sar, u fejn ikun meħtieġ awtorizzazzjoni mill-Maltapost/Dipartiment tad-Dwana Malta. Dawn id-dokumenti jridu jikkonfermaw li ir-rota jew rota *pedelec* verament inxtrat; li l-valur tax-xiri tar-rota jew rota *pedelec* tħallas kollu flimkien mad-dazju u VAT dovut fuqha kif ikun meħtieġ ; li dan ix-xiri jkun sar mill-applikant għall-applikant; u li r-rota jew rota *pedelec* ġiet ikkunsinjata lill-applikant. Ir-rota jew rota *pedelec* mixtrijha jrid ikollha wkoll ċertifikat ta' konformità mal-*EU standard safety regulations*, kif ikun meħtieġ.

Fil-każ ta' rota *pedelec* l-applikant irid jikkonforma ma' Regolament 4 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.26 – Regolamenti Dwar Vetturi B'Qawwa Baxxa u Ċikletti Bil-Pedali – u jrid jissuplixxi ċertifikat maħruġ mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta li juri dan.

Ikunu jikkwalifikaw biss għall-għotja msemmija fis-sezzjoni 5 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet li jkunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema.

Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, inkluż id-dettalji tad-dokumenti meħtieġa, għandhom isiru sa mhux aktar tard minn *tliet xhur* mid-data tax-xiri tar-rota.

Applikazzjonijiet milqugħa 'tard', jiġifieri wara dawn it-tliet xhur jiġu kkunsidrati bħala applikazzjonijiet invalidi.

5. Għotja li titħallas taħt din l-iskema

Applikanti li jikkwalifkaw jistgħu japplikaw għall-għotja ta' 15.25% fuq il-valur tax-xiri tar-rota sa għotja tal-valur massimu ta' 85 ewro fuq kull rota mhux mekkanizzata u sa massimu ta' 250 ewro fuq kull rota *pedelec*. Dan sa limitu massimu ta' €7,500 kull applikant.

required to be submitted as required on the indicated portal. Provided that, the original fiscal receipts/invoices and relevant documentation shall be kept by the applicant for a period of not less than two years from the date of application and produced upon request to the Commissioner for Revenue for verification purposes.

Failure to produce any such documents upon request the applicant will be obliged to refund the amount paid under the scheme and in the case of a fraudulent application criminal action in terms of the Criminal Code (Cap. 9) will be taken against him.

In the case of a bicycle or pedelec bicycle not purchased from Malta the original invoice issued by the supplier indicating the type of bicycle or pedelec bicycle purchased, together with the delivery note, the original documentary proof that final payment has been effected, and clearance from Maltapost/Department of Customs Malta as may be required, must be retained by the applicant for a period as stipulated above. These documents must confirm that the bicycle or pedelec bicycle was really purchased; that the purchase price of the bicycle or pedelec bicycle which price includes duty and VAT as may be required was really paid in full; that such a purchase was effected by the purchaser for the purchaser; and that the bicycle or pedelec bicycle was delivered to the applicant. The purchased bicycle or pedelec bicycle must also have a certificate of conformity with EU standard safety regulations, as may be required.

In the case of a pedelec bicycle, the applicant must conform with Regulation 4 of Subsidiary Legislation 65.26 – Low-Powered Vehicles And Pedal Cycles Regulations – and must provide a certificate issued by the Authority for Tranport in Malta conforming this.

Only those applications that are found to conform with the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the grant referred to in section 5 of the scheme.

Applications under this scheme, including the details of the documents required, should be submitted by not later than *three months* from the purchase of the bicycle.

Applications received 'late', that is after the three month period, shall be demed to be invalid applications.

5. Grant payable under this scheme

Eligible applicants may apply for a grant of 15.25% on the purchase price of bicycles subject to a maximum grant of 85 euro per non-mechanisedd bicycle and a maximum grant of 250 euro per case of pedelec bicycle. This up to a capping of €7,500 per applicant.

6. Ħlas tal-għotja

L-għotja tiġi kkreditata fil-kont tal-bank kif indikat mill-applikant fl-applikazzjoni.

7. Validità tal-applikazzjoni

Applikazzjoni ma tkunx meqjusa valida jekk:

ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha;
ma jkollhiex inklużi magħha d-dokumentazzjoni jew dettalji kollha relevanti;
ma tkunx ipprovduta lill-Kummissarju tat-Taxxi fi żmien tliet xhur mid-data tax-xiri tar-rota kif stipulat f'Sezzjoni 4 ta' din l- iskema.

8. Tul tal-iskema

Din l-iskema għandha tul definit u tibda' mil-1 ta' Jannar 2018, u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2018, sakemm din l-iskema ma tiġix modifikata/mitmuma permezz ta' Notifika fil-Gazzetta tal-Gvern u tiġġedded skont kif jaħseb li hemm il-ħtieġa il-Ministru għal-Finanzi, u kif tiġi hekk ppubblikata permezz ta' Notifika oħra fil-Gazzetta.

9. Għajnuna mill-Istat

Din l-Iskema qed tigi implimentata b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru, 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna de minimis, Ġurnal Uffiċjali L352/1 tal-24 ta' Diċembru 2013. Kumpaniji u persuni li jaħdmu għal rashom li japplikaw għal dawn l-għotjiet għandhom jiżguraw li huma fil-limiti tal-Għajnuna mill-Istat u għandhom jimlew il-formola f'paġni 921 u 922 dwar Għajnuna mill-Istat.

10. Emendi għall-iskema

Il-Ministru għall-Finanzi jżomm id-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema bil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil fil-Gazetta tal-Gvern.

11. Dispożizzjoniet transitorji

Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għall-infiq li jsir fuq il-valur tax-xiri ta' rota, liema xiri jkun sar bejn id-data effettiva u d-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni, għandom jitqiesu bħala applikazzjonijiet validi taħt din l-iskema. F'dawn il-każijiet l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fi żmien tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni.

It-2 ta' Frar, 2018

6. Payment of Grant

The grant will be credited to the bank account indicated by the applicant in the application.

7. Validity of application

An application shall not be deemed to be valid unless:

it is full and complete in all material aspects;
it is accompanied by all the relevant documentation or details as required;
is furnished to the Commissioner for Revenue by not later than three months from the date of purchase of the bicycle as is stipulated in Section 4 of this scheme.

8. Duration of the scheme

This scheme has a definite duration and will start as from the 1st January 2018, and end on the 31st December 2018, until this scheme is not modified/terminated by means of a Notice in the Government Gazette and shall be renewed as deemed necessary by the Minister for Finance and as such shall be thus published in another Notice in the Gazette.

9. State Aid

This scheme will be implemented in accordance with the provisions of Commission Regulation (EU) No. 1407/2013 of 18 December, 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid, OJ L 352/1 of 24 December 2013. Companies and self-employed persons applying for these grants should make sure that they are within the limits of State Aid and will have to fill the form on pages 923 and 924 on State Aid.

10. Amendments to the scheme

The Minister for Finance reserves the right to make any amendments to this scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

11. Transitory provisions

Applications made under this scheme relating to the expenditure on the purchase price of the bicycle or pedelec bicycle, and which purchase was carried out between the effective date and the date of publication of this Notice, shall be deemed to be valid. In such cases applications shall be submitted within three months from the date of publication of this Notice.

2nd February, 2018

DIKJARAZZONI DWAR GĦAJNUNA MILL-ISTAT *(DE MINIMIS)*

Għotja mill-Gvern fuq ix-xiri ta' roti u roti Pedelec minn kumpaniji li jikru dawn it-tip ta' roti

Jekk l-applikazzjoni li ġiet ippreżentata tiġi approvata, il-proġett jibbenefika minn għajnuna tal-Istat *de minimis* skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna *de minimis*.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 jippermetti li intrapriża tirċievi ammont massimu aggregat f'għajnuna *de minimis* ta' €200,000 taħt kull miżura ta' għajnuna *de minimis*, fuq perjodu ta' tliet snin fiskali. Dan il-limitu massimu aggregat huwa applikabbli fil-prinċipju għas-setturi ekonomiċi kollha ħlief għas-settur tat-trasport stradali li għalih hemm limitu aktar baxx ta' €100,000 fuq perjodu ta' tliet snin fiskali konsekuttivi. Is-setturi tal-biedja u s-sajd huma soġġetti għal limiti u kriterji differenti. Għall-fini ta' din id-dikjarazzjoni l-fraża 'impriża waħda'għandha jkollha t-tifsira kif stabbilit firRegolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 . Barra minn hekk 'sena fiskali' tfisser is-sena fiskali kif użata għall-finijiet ta' taxxa mill-intrapriża kkonċernata.

Il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna Statali kollha mogħtija taħt din l-iskema u kull miżura oħra ta' għajnuna Statali mogħtija taħt ir-regola tad-*de minimis*. Kull għajnuna *de minimis* mogħtija li teċċedi l-limitu stabbilit għandha tkun irkuprata, bl-interess, mingħand l-intrapriża li tkun qiegħda tirċievi l-għajnuna.

Dan li ġej huwa elenku tal-forom possibbli ta' għajnuna Statali:

- Għajnuniet minn korpi pubbliċi
- Self jew garanziji ta' self b'rati favorevoli
- Benefiċċji tat-taxxa
- Rinunzja jew differiment ta' drittijiet jew interessi li jkunu normalment dovuti
- Assistenza dwar il-marketing u r-riklamar
- Konsulenza, taħriġ u sapport ieħor provdut bla ħlas jew b'rata mnaqqsa
- Għajnuna għal investiment fi proġetti jew riċerka u assistenza għall-iżvilupp
- Xiri jew kiri ta' proprjetà mmobbli b'rata li tkun inqas minn dik tas-suq.

Kull għajnuna minn korp pubbliku tista' potenzjalment tikkostitwixxi għajnuna Statali. Jekk ikollok xi dubji dwar jekk għajnuna pubblika li tirċievi hijiex għajnuna *de minimis*, int għandek tikkuntattja lill-aġenzija jew dipartiment li mingħandu tkun irċevejt l-għajnuna biex tiżgura jekk hijiex għajnuna *de minimis* jew le.

DIKJARAZZJONI

Niddikjara li ammont komprensiv ta' għajnuna *de minimis* li rċevejt s'issa matul is-sena fiskali kurrenti u matul is-sentejn fiskali ta' qabel din kien ta':

Sena Fiskali 2016	Sena Fiskali 2017	Sena Fiskali 2018	TOTAL
€	€	€	€

Analiżi statistika tas-sors, tip u ammont tal-għajnuna *de minimis* kollha li rċevejna kif ukoll dik li saret applikazzjoni għaliha mingħand l-Istat, hija ppreżentata hawn wara.

Intrapriża (L-isem legali sħiħ) _____ Numru tar-Reġistrazzjoni tal-VAT _____

Isem u Kunjom (ITTRI KBAR) _____ Kariga fin-Negozju _____

Firma _____ Data _____

INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR GĦAJNUNA STATLI APPLIKABBLI TAĦT IR-REGOLA TAD-*DE MINIMIS*

(Nota: L-informazzjoni għandha tinkludi kemm l-għajnuna Statali miksuba u wkoll l-applikazzjonijiet għal għajnuna Statali de minimis li jkunu għadhom jistennew l-approvazzjoni mill-entitajiet potenzjali))

Data	Sors/Min se jagħti l-għajnunar	Tip ta' Għajnuna Statali	Ammont in €
Eżempju: 12/01/2016	*Gvern Ċentrali*	*Self b'interessi baxxi*	*10,000*

STATE AID DECLARATION *(DE MINIMIS)*

Government Grant on the purchase of bicycles and pedelec bicycles by companies that offer such bicycles for hire

If the submitted application is approved, the project will benefit from *de minimis* State aid in line with *Commission Regulation (EU) No 1407/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid*.

Commission Regulation (EU) No 1407/2013 allows a 'single undertaking' to receive an aggregate maximum amount of *de minimis* aid of EUR 200,000 under all *de minimis* aid measures, over a period of three 'fiscal years'. This aggregate maximum threshold applies in principle to all economic sectors with the exception of a 'single undertaking' performing road freight transport for hire or reward for which a lower de minimis threshold of EUR 100,000 over any period of three 'fiscal years' applies. The agriculture and fisheries sectors are subject to different thresholds and criteria. For the purpose of this declaration the term 'single undertaking' shall have the meaning as established in *Commission Regulation (EU) No 1407/2013*. Moreover 'fiscal year' means the fiscal year as used for tax purposes by the undertaking concerned.

This maximum threshold would include all State aid granted under this scheme and any other State aid measure granted under the *de minimis* rule. Any *de minimis* aid received in excess of the established threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

The following is an indicative list of the possible forms of State aid:

- Grants from public bodies
- Loans or loan guarantees at favourable rates
- Tax benefits
- Waiving or deferral of fees or interest normally due
- Marketing and advertising assistance
- Consultancy, training and other support provided either free or at a reduced rate
- Aid for investment in environmental projects or research and development assistance
- Purchase, rent or lease of immovable property at less than market rate.

Potentially any assistance from a public body may constitute State aid. Should you have any doubts whether any public assistance received is *de minimis* aid, you should contact the agency or department from which the assistance was received in order to ascertain this.

DECLARATION

I declare that a comprehensive amount of *de minimis* aid received to date during the current fiscal year and the previous two fiscal years is:

Fiscal Year 2016	Fiscal Year 2017	Fiscal Year 2018	TOTAL
€	€	€	€

A breakdown of the source, type and amount of all *de minimis* aid received as well as that applied for from any State aid grantor, is presented overleaf.

Business Undertaking (Full Legal Name) _____ VAT Registration Number _____

Name and Surname (BLOCK CAPITALS) _____ Position in Establishment _____

Signature _____ Date _____

DETAILED INFORMATION CONCERNING APPLICABLE STATE AID UNDER THE *DE MINIMIS* RULE

(Note: Information should include both State aid received as well as applications for de minimis State aid still pending approval by potential grantors)

Date	Source/Grantor	Type of State Aid	Amount in €
Eg: 12/01/2016	*Central Government*	*Soft Loan Scheme*	*10,000*

Nru. 124

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMĠARR

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fl-Imġarr, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 124

NUMBERING OF DOORS AT L-IMĠARR

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at L-Imġarr, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
L-IMĠARR

TRIQ L-GĦELEJJEL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kbira

Left side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Dar)	1
Lelluxa, Mais. 4	3
Sit bla bini	5
Sit bla bini	7
Garaxx	9
Edelweiss	11
Sit bla bini	13
Sit bla bini	15
Joedor	17

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kbira

Right side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb Imbarrat	2
Bieb bla numru (Dar)	4
Sit bla bini	6
Sit bla bini	8
Garaxx	10
St. Joseph	12
Sit bla bini	14
Sit bla bini	16
Sit bla bini	18
Sit bla bini	20
Garaxx	22
Bieb bla numru	24
Garaxx	26

Nru. 125

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSASKALA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 708, tat-3 ta' Ottubru, 1997, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien f'Marsaskala', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 125

NUMBERING OF DOORS AT MARSASKALA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 708, dated 3rd October, 1997, under the title 'Renumbering of Doors at Marsaskala', the following amendments in **bold** should be made.

MARSASKALA

47. TRIQ IS-SILLA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Qaliet

Left side entering from Triq il-Qaliet

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Qaliet

Right side entering from Triq il-Qaliet

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Orkney (Garaxx)	58
Manoccina	60

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
58, Orkney (Garaxx)	58
Toka	**60**
Silla Flats	**60A**

It-2 ta' Frar, 2018

2nd February, 2018

Nru. 126

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSAXLOKK

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 532, tal-14 ta' Ġunju, 2002, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien f'Marsaxlokk', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 126

NUMBERING OF DOORS AT MARSAXLOKK

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 532, dated 14th June, 2002, under the title 'Renumbering of Doors at Marsaxlokk', the following amendment in **bold** should be made.

MARSAXLOKK

26. TRIQ SAN FRANĠISK

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Xatt is-Sajjieda

Left side entering from Xatt is-Sajjieda

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Xatt is-Sajjieda

Right side entering from Xatt is-Sajjieda

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	4
Bini qed jinbena	6
Garaxx	8

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
4 (Garaxx)	4
6	6
Bieb bla numru (Dar)	**6A**
8 (Garaxx)	8

It-2 ta' Frar, 2018

Nru. 127

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 532, tal-10 ta' Lulju, 1998, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien fil-Mellieħa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

2nd February, 2018

No. 127

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 532, dated 10th July, 1998, under the title 'Renumbering of Doors at Il-Mellieħa', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MELLIEĦA

19. TRIQ L-IŻBARK TAL-FRANĊIŻI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kbira

Left side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
36, Sezana	27
Sit bla bini	29
Sit bla bini	31
Sit bla bini	33
Sit bla bini	35

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kbira

Right side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
27, Sezana	27
Garaxx	**29**
Bieb bla numru (Dar)	**31**
Bieb bla numru (Dar)	**33**
Garaxx	**35**

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

It-2 ta' Frar, 2018

2nd February, 2018

Nru. 128

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMĠARR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 466, tas-6 ta' Mejju, 2005, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien fl-Imġarr', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 128

NUMBERING OF DOORS AT L-IMĠARR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 466, dated 6th May, 2005, under the title 'Renumbering of Doors at L-Imġarr', the following amendments in **bold** should be made.

L-IMĠARR

12. TRIQ IL-KBIRA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Dun Edgar

Left side entering from Triq Dun Edgar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Dar qed tinbena	123
Bini qed jinbena (Flettijiet)	125
Garaxx	127
St. Peter	129
Sit bla bini	131
Sit bla bini	133
Sit bla bini	135
Sit bla bini	137
Sit bla bini	139

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Dun Edgar

Right side entering from Triq Dun Edgar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
19A	130
Sit bla bini	132
Sit bla bini	134
Sit bla bini	136
Sit bla bini	138
Sit bla bini	140

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
123	123
125	125
127 (Garaxx)	127
129, St. Peter	129
Eternal Knot	**131**
Blokk A	**133**
Almena	**135**
Maria Regina Court, Blk B	**137**
Bieb bla numru (Dar)	**139**

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
130	130
Bieb bla numru (Dar)	**132**
Highgrove	**134**
Bieb bla numru (Dar)	**136**
Dahla għall-garaxxijiet	**138**
Sit bla bini	140

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	184
Sit bla bini	186
Sit bla bini	188
Garaxx	190

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Garaxx	192
		St. Joseph	194
		Ġnejna	196
		Grada	198
		Garaxx	200

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Sit bla bini	184
		Bieb bla numru (Dar)	**186**
		Bieb bla numru (Flettijiet)	**188**
		Daħla għall-garaxxijiet	**190**
		192 (Garaxx)	192
		194, St. Joseph	194
		Ġnejna Court	**196**
		Ixia	**196A**
		Garaxx	**196B**
		198 (Grada)	198
		Garaxx	**198A**
		200 (Garaxx)	200

It-2 ta' Frar, 2018

Nru. 129

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SANTA VENERA

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 66, tas-19 ta' Jannar, 1999, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien f'Santa Venera', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

2nd February, 2018

No. 129

NUMBERING OF DOORS AT SANTA VENERA

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 66, dated 19th January, 1999, under the title 'Renumbering of Doors at Santa Venera', the following amendment in **bold** should be made.

SANTA VENERA

12. TRIQ IL-MASTRUDAXXI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Istampaturi

Left side entering from Triq l-Istampaturi

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Istampaturi

Right side entering from Triq l-Istampaturi

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	**2**
Eclipse	**4**
Wignacourt Building	**6**
Daħla għall-garaxxijiet	**8**

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
	Alof Court, Blokk C **10**
	Daħla għall-garaxxijiet **12**
	Garaxx **14**
	Alof Court, Blokk B **16**
	Garaxx **18**
	Daħla għall-garaxxijiet **20**
	Alof Court, Blokk A **22**
	Ħanut **24**
	Bieb bla numru **26**

It-2 ta' Frar, 2018

2nd February, 2018

Nru. 130

No. 130

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'TAS-SLIEMA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 474, tat-3 ta' Ottubru, 1952, taħt it-titolu 'Numri ta' Bibien ġodda f'Tas-Sliema', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

NUMBERING OF DOORS AT TAS-SLIEMA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 474, dated 3rd October, 1952, under the title 'Renumbering of Doors at Tas-Sliema', the following amendments in **bold** should be made.

TAS-SLIEMA

TRIQ SANT'ANTNIN

Meta tidħol minn Ix-Xatt ta' Tignè

Entering from Ix-Xatt ta' Tignè

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
...	40
...	41
46	42
46	43
47	44
48	45

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
40	40
Garaxx	**41**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**42**
Garaxx	**43**
Bieb bla numru (Dar)	**44**
Garaxx	**45**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**46**

It-2 ta' Frar, 2018

2nd February, 2018

Nru. 131

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻEJTUN

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 172, tal-25 ta' Frar, 1966, għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 131

NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻEJTUN

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 172, dated 25th February, 1966, the following prolongation in **bold** should be made.

IŻ-ŻEJTUN

TRIQ MIKIEL CACHIA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq id-Duluri *Left side entering from Triq id-Duluri*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq id-Duluri *Right side entering from Triq id-Duluri*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
25, Anna	25		
	għandhom jiżdiedu *should be added*		
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
25, Anna House	25		
Xavier	**27**		
Garaxx	**29**		
Ħanut	**31**		
Garaxx	**33**		
Garaxx	**35**		
Namaste	**37**		

It-2 ta' Frar, 2018 2nd February, 2018

Nru. 132

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 785, tal-14 ta' Settembru, 2001, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien fil-Mosta', għandhom isiru dawn l-emendi u prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 132

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 785, dated 14th September, 2001, under the title 'Renumbering of Doors at Il-Mosta', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

IL-MOSTA

57. TRIQ RUŻAR BRIFFA

Emenda - *Amendment*

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Katakombi tal-Bistra *Left side entering from Triq il-Katakombi tal-Bistra*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Katakombi tal-Bistra *Right side entering from Triq il-Katakombi tal-Bistra*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Palma	109	Sit bla bini	40
Garaxx	111	Sit bla bini	42
Sit bla bini	113	Sit bla bini	44

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	115	Dawn	46
Garaxx	117		
Bieb bla numru (Dar)	119		
Bieb bla numru (Dar)	121		
Garaxx	123		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
109, Palma	109	Sit bla bini	40
111 (Garaxx)	111	**Bieb bla numru (Dar)**	**42**
Emerald	**113**	**Zokrija Mansions, Blk B**	**44**
Ruby	**115**	**Bieb bla numru (Dar)**	**46**
Bieb bla numru	**117**		
121, St. Rita	121		
123 (Garaxx)	123		

Prolungament - *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	123	Bieb bla numru (Dar)	46

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
123 (Garaxx)	123	**Daħla għall-garaxxijiet**	**48**
Garaxx	**125**	**Bieb bla numru (Dar)**	**50**
Daħla għall-garaxxijiet	**127**	**Zokrija Mansions, Blk A**	**52**
Bini qed jinbena	**129**	**Bieb bla numru (Dar)**	**54**
Bini qed jinbena	**131**	**46, Dawn**	**56**
Bini qed jinbena	**133**	**Daħla għall-garaxxijiet**	**58**
Bini qed jinbena	**135**	**The Terrace B**	**60**
Bini qed jinbena	**137**	**Bieb bla numru (Dar)**	**62**
Daħla għall-garaxxijiet	**139**	**Bieb bla numru (Dar)**	**64**
Bieb bla numru (Dar)	**141**	**The Terrace A**	**66**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**143**	**Bieb bla numru (Dar)**	**68**
Bieb bla numru (Dar)	**145**	**Bieb bla numru (Dar)**	**70**
Bieb bla numru (Dar)	**147**	**Bieb bla numru (Flettijiet)**	**72**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**149**	**Bieb bla numru (Dar)**	**74**
Bieb bla numru (Dar)	**151**	**Garaxx**	**76**
		Daħla għall-garaxxijiet	**78**
		Garaxx	**80**
		Garaxx	**82**

** In-numru 119 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm oriġinarjament*

Nru. 133

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Avviż skont l-Artikolu 29

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 29(1) tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Kummissarju tat-Taxxi b'dan jgħarraf lill-persuni/kumpaniji msemmija aktar 'l isfel biex imorru fit-Taqsima tat-*Tax Audits/Tax Compliance Unit* fi Blokk 4 tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Furjana, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

Isem	*Referenza*
Ronald Cassar	126653M
Michael Borg	473900L
Anthony Sammut	368054M
Mohamad Hamid u Giovanna Cesare	27145A
Louise Scicluna u Antonia Scicluna	1037445M
James Mifsud uMariella Mifsud	277377M

It-2 ta' Frar, 2018

No. 133

INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372)

Notice in terms of Article 29

IN terms of the proviso to article 29(1) of the Income Tax Management Act, the Commissioner for Revenue hereby notifies the persons/companies listed hereunder to call at the Tax Audits Section/Tax Compliance Unit at Block 4 of the Inland Revenue Department, Floriana, within thirty days of this notice to collect the notices made on such persons/companies.

Name	*Reference*
Ronald Cassar	126653M
Michael Borg	473900L
Anthony Sammut	368054M
Mohamad Hamid and Giovanna Cesare	27145A
Louise Scicluna and Antonia Scicluna	1037445M
James Mifsud and Mariella Mifsud	277377M

2nd February, 2018

Nru. 134

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
2.2.2018	€34.995	€0.474

It-2 ta' Frar, 2018

No. 134

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

2nd February, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 12

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu

POLICE NOTICE

No. 12

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets

jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ix-Xagħra (Għawdex)

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Frar, 2018, mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Pjazza Vitorja, Triq Marija Bambina u Vjal Tmienja ta' Settembru.

Iż-Żebbuġ (Għawdex)

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Frar, 2018, mill-11.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Pjazza Assunta u Triq il-Knisja.

Bormla

Nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Frar, 2018, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq il-Pelligrinaġġ, Triq Wiġi Rosato, Triq San Franġisk, Triq San Pawl u x-Xatt ta' Bormla.

Iż-Żejtun

Nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Frar, 2018, minn Misraħ Duminku Mintoff, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Triq Santa Marija, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill u Misraħ Gregorio Bonnici.

Ħaż-Żabbar

Nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Frar, 2018, mit-3.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq il-Kbira (quddiem il-knisja tal-Lunzjata)

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Frar, 2018, mis-1.00 p.m. 'il quddiem, minn Pjazza Medjatriċi, Triq Ġanni Bonavia, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Kbira, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq ix-Xgħajra, Triq Feliċe u Triq is-Santwarju.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Frar, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Vetturi bi Status ta' Abbandunata/Ingombru

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf lill-pubbliku li l-vetturi msemmija hawn taħt inġabru għall-finijiet tal-Artikolu 7 (1) u (2), Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti tal-Ingombru).

mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Xagħra (Għawdex)

On Sunday, 11th February, 2018, from 9.00 a.m. till 1.00 p.m., through Pjazza Vitorja, Triq Marija Bambina and Vjal Tmienja ta' Settembru.

Iż-Żebbuġ (Gozo)

On Sunday, 11th February, 2018, from 11.00 a.m. till 2.00 p.m., through Pjazza Assunta and Triq il-Knisja.

Cospicua

On Wednesday, 14th February, 2018, from 4.00 p.m. onwards, through Triq il-Pelligrinaġġ, Triq Wiġi Rosato, Triq San Franġisk, Triq San Pawl and ix-Xatt ta' Bormla.

Żejtun

On Wednesday, 14th February, 2018, through Misraħ Duminku Mintoff, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Triq Santa Marija, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill and Misraħ Gregorio Bonnici.

Ħaż-Żabbar

On Wednesday, 14th February, 2018, from 3.00 p.m. onwards, through Triq il-Kbira (in front of Lunzjata church)

On Sunday, 18th February, 2018, from 1.00 p.m. onwards, through Pjazza Medjatriċi, Triq Ġanni Bonavia, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Kbira, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq ix-Xgħajra, Triq Feliċe and Triq is-Santwarju.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

2nd February, 2018

POLICE NOTICE

Impound Vehicles with a Status of Derelict/Encumbrance

The Commissioner of Police notifies the general public that the following vehicles have been removed by virtue of Article 7 (1) and (2), of Subsidiary Legislation 65.13 (Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations).

Nru. ta' Reġ. *Reg. No.*	Mudell *Make*	Data tat-Tneħħija *Date of Removal*	Lokalità *Location*
FLO308	Kia Avella	1/3/2018	Il-Marsa

Nru. ta' Reġ. *Reg. No.*	Mudell *Make*	Data tat-Tneħħija *Date of Removal*	Lokalità *Location*
GRA779	Mercedes C180	11/1/2017	Il-Ħamrun
JBU545	Smart Roadster	10/15/2017	Il-Marsa
JBO873	Volkswagen Passat	1/7/2018	Il-Ħamrun
BBW472	Daewoo	1/5/2018	San Ġwann
FAJ264	Fiat Punto	7/12/2017	Birkirkara
KBM979	Peugeot 607	8/18/2017	San Pawl il-Baħar
BBX279	Smart	8/13/2017	Il-Furjana
BAJ584	Volkswagen Golf	10/9/2017	Il-Furjana
FBE243	Nissan Micra	11/27/2017	Il-Furjana
LOR039	Toyota Avensis	7/27/2017	Il-Furjana
GBL207	Toyota Passo	9/16/2017	Ħal Qormi
JBA923	Hyundia Accent	1/15/2018	Il-Furjana
AAJ517	Volkswagen Transporter	25/08/201/	San Pawl il-Baħar
MAS306	Peugeot 306	9/16/2017	Santa Venera
EAO673/CAE326	Nissan March	12/21/2017	Iż-Żejtun
GAJ569	Diahatsu	11/20/2017	Il-Furjana
LCT548	Kia Piccanto	1/2/2018	Il-Furjana
FAB737	Diahatsu Hi-Jet	1/19/2018	Il-Furjana
JBU625	Nissan Navara	3/13/2017	Birżebbuġa
	Mazda 323F		Il-Furjana
AAN858	Ford Escort Van	10/23/2017	Il-Furjana
AAN859	Hyundia Lantra	11/4/2017	Il-Furjana
FBF609	Suzuki Samurai	9/3/2017	Ħal Qormi
FCG771	Honda Fit	7/26/2017	Il-Furjana
CBP467	Citroen C4	6/2/2017	San Pawl il-Baħar
FCB257	Toyota Tercel	12/10/2016	Il-Furjana
CJ384NT	Fiat Panda	10/3/2017	Il-Furjana
HBA724	Peugeot 306	10/30/2017	Ħal Luqa
ABP016	Renault Megane	7/19/2017	San Pawl il-Baħar
DLU30119	Renault Megane	10/31/2017	Il-Furjana
	Nissan Micra	10/8/2017	Il-Furjana
GBN538	Volkswagen Golf	10/23/2017	Ta' Xbiex
EAZ287	Peugeot 106	1/15/2018	Is-Swieqi
LAF128	Hyundia Accent	8/24/2017	Il-Furjana
ABB425	Subaru J10	4/13/2017	Paola
FBW803	Ford Mondeo	1/11/2018	Il-Furjana
KAT704	Skoda Felicia	12/17/2017	Il-Gżira
SK53TWL	Ford Transit Connect	8/24/2017	Il-Furjana
JBG859	Ford Ka	1/8/2018	Ħaż-Żebbuġ
KBC583	Mitsubishi Pajero	7/30/2017	Il-Mosta
CBV616	Kia Avella	6/24/2017	Paola
DBR225	Toyota Vitz	8/28/2017	San Pawl il-Baħar

Nru. ta' Reġ. *Reg. No.*	Mudell *Make*	Data tat-Tneħħija *Date of Removal*	Lokalità *Location*
CJ673YA	Fiat Panda	11/1/2018	Birkirkara
FBU436	Peugeot 206	8/20/2017	Tas-Sliema
ABJ631	Hyundia Atos	6/3/2017	Tas-Sliema
DAH772	Toyota Lite Ace	7/4/2017	Il-Marsa
HBG863	Honda Civic	10/25/2017	Tarxien
HBN649	Fiat Stilo	7/11/2017	Il-Furjana
CN611JT	Ford Focus S/W	1/3/2018	Il-Furjana
BRI024	Fiat Punto	6/11/2017	Il-Furjana
PHI130	Volkswagen Passat	7/25/2017	Il-Ħamrun
	Mazda Tipper Truck		Il-Furjana
IBX523	Mercedes Cl55 Amg	10/23/2017	L-Imsida
EP841AL	Peugeot 308		Il-Furjana
	Renault Megane		Il-Furjana
CVS111	Renault Clio		Il-Furjana
	Ford Ka		Il-Furjana
DCC672	Peugeot 307 Xr5 1.4 Hdi	10/16/2017	L-Imsida
BBR186	Peugeot 206	11/26/2017	Il-Mosta
BER221	Peugeot 406		Il-Furjana
JAX305	Ford Escort Van	12/5/2017	Il-Ħamrun
FBV734	Renault Laguna	11/27/2017	Is-Swieqi
FBB532	Hyundia Excel	12/19/2017	Il-Furjana
BBI876	Fiat Brava	11/19/2017	San Ġiljan
	Ford Ka		Il-Furjana
CRI689	Toyota Auris	11/17/2017	Il-Furjana
FBH106	Fiat Brava	8/28/2017	San Pawl il-Baħar
NIZ184	Fiat Punto	11/22/2017	In-Naxxar
AG04DZH	Bmw F650	11/24/2017	Il-Furjana
NG05MFX	Renault Megane	7/23/2017	L-Imsida
BS641GL	Alfa Romeo 147	12/12/2017	Il-Furjana
CJ384NT	Fiat Panda	10/3/2017	Birkirkara
DLU30119	Renault Megane	10/31/2017	Il-Furjana
SK53TWL	Ford Transit Connect	8/24/2017	Il-Furjana
CJ673YA	Fiat Panda	11/1/2018	Il-Furjana
BAO115	Skoda Favorite	5/5/2017	Paola

Dawn il-vetturi jinsabu fil-bitħa tal-garaxx tal-Pulizija fil-Foss ta' Notre Dame, Il-Furjana.

Aktar informazzjoni tinkiseb mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Taqsima ALE, MT Garage, il-Foss ta' Notre Dame, Il-Furjana. Tel: 2122 4001.

It-2 ta' Frar, 2018

All the above listed vehicles are being kept at the Police Garage, in Notre Dame Ditch, Floriana

Further information can be obtained from the Police General Headquarters, ALE and MT Garage Sections, Notre Dame Ditch, Floriana. Tel: 2122 4001.

2nd February, 2018

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 5 tal-2018

Iffilmjar barra l-Port il-Kbir, il-Belt Valletta – Frar 2018

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u operaturi ta' bastimenti tal-baħar li se jsir iffilmjar barra l-Port il-Kbir, Il-Belt Valletta.

Id-dati, ħinijiet u żoni huma kif ġej:

Il-Ġimgħa, it-2, is-Sibt, it-3, it-Tnejn, il-5, it-Tlieta, is-6, l-Erbgħa, is-7, il-Ħamis, it-8, it-Tnejn, it-12, it-Tlieta, it-13, l-Erbgħa, l-14 u l-Ħamis, il-15 ta' Frar, 2018.

L-iffilmjar se jseħħ f'żoni A u B mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m. F'dawn il-ġranet jista' jintuża sit alternattiv żona D (żoni murija fuq *chart* murija fis-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

It-Tlieta, is-6 ta' Frar, 2018

L-iffilmjar se jseħħ fil-*Mediterranean Film Studio* żona C (murija fuq iċ-*chart* fis-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) mis-7.30 a.m. sal-5.30 p.m.

L-Erbgħa, is-7 ta' Frar, 2018

L-iffilmjar se jseħħ fil-*Mediterranean Film Studio* żona C (murija fuq iċ-*chart* fis-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) mill-10.00 a.m. sat-8.00 p.m.

Il-Ħamis, it-8 u l-Ġimgħa, id-9 ta' Frar, 2018

L-iffilmjar se se jseħħ fil-*Mediterranean Film Studio* żona C (murija fuq iċ-*chart* fis-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) mill-5.00 p.m. sal-4.00 p.m. (iffilmjar billejl).

Il-bastimenti li ġejjin se jassistu waqt l-iffilmjar:

MV Wilfred, MV Maria C u żewġ (2) RHIB.

Mill-Ħamis, l-1 ta' Frar sal-Ħamis, il-15 ta' Frar, 2018, il-moll tal-Bajja tar-Rinella għandu jinżamm vojt il-ġurnata kollha.

Fid-dawl ta' hawn fuq, mit-Tlieta, is-6 ta' Frar sal-Ġimgħa, id-9 ta' Frar, 2018, ikun meħtieġ li għall-għanijiet tal-iffilmjar ma jkun jidher xejn fuq l-orizzont mill-*Mediterranean Film Studio* żona C (murija fuq iċ-*chart* fis-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

Il-baħħara huma mitluba joqogħdu attenti, iżommu 'l bogħod u jikkoperaw mal-organizzaturi u l-bastimenti tal-

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 5 of 2018

Filming outside the Grand Harbour, Valletta – February 2018

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners and sea vessel operators that filming activities will take place outside the Grand Harbour, Valletta.

The dates, times and areas are as follows:

Friday, 2nd, Saturday, 3rd, Monday, 5th, Tuesday, 6th, Wednesday, 7th, Thursday, 8th, Monday, 12th, Tuesday, 13th, Wednesday, 14th, and Thursday, 15th February, 2018.

Filming will be carried out in areas A and B from 7.00 a.m. to 7.00 p.m. An alternative site area D may be used on these days (areas shown on chart shown on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

Tuesday, 6th February, 2018.

Filming will be carried out at Mediterranean Film Studio, area C (shown on chart on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) from 7.30 a.m. to 5.30 p.m.

Wednesday, 7th February, 2018.

Filming will be carried out at Mediterranean Film Studio, area C (shown on chart on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) from 10.00 a.m. to 8.00 p.m..

Thursday, 8th and Friday, 9th February, 2018.

Filming will be carried out at Mediterranean Film Studio, area C (shown on chart on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) from 5.00 p.m. to 4.00 a.m. (night filming).

The following vessels will be assisting during the filming:

MV Wilfred, MV Maria C and two (2) RHIB.

From Thursday, 1st February to Thursday, 15th February, 2018, the quay at Rinella Bay is to be kept clear at all time.

In view of the above from Tuesday, 6th February to Friday, 9th February, 2018, a clear horizon from the Mediterranean Film Studio, area C (shown on chart on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) is required for filming purposes.

Mariners are requested to keep a sharp look out, give a wide berth and cooperate with the organisers and police

pulizija meta jbaħħru fil-viċinanza taż-żoni ta' hawn fuq matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti għandhom joqogħdu attenti għal VHF *Channel* 12. Huma għandhom jobdu struzzjonijiet maħruġa mill-*Valletta Port Control* (Valletta VTS) fuq VHF *Channel* 12.

Charts affettwati: BA 2537, 2538 u 177

It-2 ta' Frar, 2018

SPORTMALTA

Pożizzjoni ta' Kap Eżekuttiv ma' SportMalta
Numru tal-Permess 56/2018

SportMalta (SM) l-awtorità regolatorja taħt ir-responsabbiltà tas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol fetaħ applikazzjoni għall-ingaġġ ta' Kap Eżekuttiv (CEO).

Ir-responsabbiltajiet ewlenin se jkunu, iżda mhux limitati, għal:

assistenza lill-Bord tad-Diretturi fit-tfassil tal-pjanijiet għal-SM
implimentazzjoni tal-pjanijiet approvati mill-Bord tad-Diretturi
li tiġi stabbilita struttura ta' responsabbiltà delegata
implimentazzjoni ta' *policies* approvati minn żmien għal żmien mill-Bord tad-Diretturi
li jipprovdi sorsi ta' taħrig minn żmien għal żmien lill-impjegati ta' SM
l-iżgurar ta' kwalità, kwantità, skedi taż-żmien u riżultati li jistgħu jitkejlu f'relazzjoni mal-għanijiet ippjanati

Il-kandidat ideali għandu jkun:

proficjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

fil-pussess ta' lawrja tal-*Masters* jew ekwivalenti rikonoxxut mill-MQRIC fil-*management* u/jew esperjenza ppruvata tax-xogħol.

L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juru u dokumenti li jippruvaw il-kwalifiki u esperjenza, jintlaqgħu mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, SportMalta fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, Cottoner Avenue, Bormla BML 9020, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn , it-12 ta' Frar, 2018.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-dipartiment riċeventi huma (www.sportmalta.org) u (jonathan.caruana@sportmalta.org.mt) rispettivament.

It-2 ta' Frar, 2018

crafts when sailing in the vicinity of the above areas during the mentioned dates and times.

Mariners and vessel operators are to keep watch on VHF Channel 12. They are to comply with instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12.

Charts affected: BA 2537, 2538 and 177

2nd February, 2018

SPORTMALTA

Position of Chief Executive Officer with SportMalta
Permit Number 56/2018

SportMalta (SM), the regulatory authority under the responsibility of the Secretary parliamentary for Youths, Sports and Voluntary Organisations within the Ministry for Education and Employment, is looking for a Chief Executive Officer (CEO).

The main responsibilities shall be, but not limited, to:

assisting the Board of Directors with SM's business plan
implementing the approved business plan
establishing a structure of delegated responsibility
implementing policies approved from time to time by the Board of Directors
providing for the training requirements of SM's staff
ensuring quality, quantity, timeliness and measurable results in relation to planned objectives

The ideal candidate will be:

proficient in the Maltese and English languages;

in possession of a Master Degree or equivalent recognized by MQRIC in management and/or proven experience of the job

Applications together with a curriculum vitae showing and enclosing proof of qualifications and experience, will be received by SportMalta Human Resources Department at Cottonera Sports complex, Cottoner Avenue, Cospicua, BML 9020, by not later than noon (Central European Time) of Monday, 12th February, 2018.

The website address and *email* address of the receiving department are (www.sportmalta.org.mt) and (jonathan.caruana@sportmalta.org.mt) respectively.

2nd February, 2018

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA
U L-IMMANIĠĠJAR TAL-ILMA

Post ta' *Accounting and Finance Officer* fil-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti għall-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Accounting and Finance Officer* fil-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) Xhur.

2.2 Is-salarju ta' *Accounting and Finance Officer* huwa ta' Skala ta' Salarju 11, €18,152.98 fis-sena, li jiżdied bi €375.17 fis-sena sa massimu ta' €20,404.00.

Dmirijiet

3**.** Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Accounting and Finance Officer* jinkludu:

Assistenza lill-*management* fl-implimentazzjoni ta' riformi ta' ġestjoni finanzjarja, b'mod partikolari dawk relatati ma' *accrual accounting*;

Verifika u infurzar ta' proċeduri fi ħruġ ta' kull *Local Purchase Order* (LPO) u pagamenti sabiex jiġi assigurat li dawn isiru skont il-linji gwida tal-*Public Procurement Regulations*;

Ipproċessar ta' *invoices* u ħlasijiet oħrajn, awtorizzazzjoni ta' *requisitions* dipartimentali, ordnijiet ta' xiri lokali u *vouchers* ta' pagamenti;

Ipproċessar ta' *virements* ta' fondi fuq il-baġit, skedi ta' trasferiment u *vouchers* ta' trasferiment u aġġustament permezz tad-*Departmental Accounting System* (DAS);

Kumpilazzjoni ta' rapporti perjodiċi inklużi rapporti trimestrali, estimi riveduti ta' kull xahar, projezzjonijiet ta' likwidità u rapporti finanzjarji oħra kif meħtieġ;

Kordinazzjoni u kontroll tal-fondi favur entitajiet tal-Gvern, reviżjoni ta' kontijiet ta' ġestjoni, dikjarazzjonijiet ta' likwidità u rapporti oħra finanzjarji preżentati lid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi bħala parti mill-proċess;

MINISTRY FOR ENERGY
AND WATER MANAGEMENT

Post of Accounting and Finance Officer in the Ministry for Energy and Water Management

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary Ministry for Energy and Water Management invites applications for the post of Accounting and Finance Officer in the Ministry for Energy and Water Management.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 The salary for the post of Accounting and Finance Officer is Salary Scale 11, that is, €18,152.98 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €20,404.

Duties

3. The duties of Accounting and Finance Officer include:

Assisting management in the implementation of financial management reforms, particularly those relating to accrual accounting;

Checking and ensuring that all request for the issuance of Local Purchase Order (LPO)'s and payments are in line with Public Procurement Regulations;

Processing invoices and other payments, and authorising departmental requisitions, local purchase orders and payment vouchers;

Processing virements of funds across budgetary items and raising Transfer Schedules and Transfer and Adjustment Vouchers through the Departmental Accounting System (DAS);

Compiling periodic reports including quarterly accrual accounting reports, monthly revised estimates, Treasury cash flow projections and other financial reports as required;

Coordinating the release of funds in favour of Government entities, and reviewing management accounts, cash flow statements and other financial reports presented to the Corporate Services Directorate as part of the process;

Sorveljanza u assistenza kif meħtieġ fl-ipproċessar u l-għeluq ta' safar u proċeduri sussegwenti ta' rimborż, fejn applikabbli;

Infurzar ta' proċeduri ta' kull rimborż pagabbli, li dan isir fil-ħin u li jkun allokat taħt 'l-isem' rispettiv tiegħu;

Twettiq ta' monitoraġġ intern biex jassigura konformità mal-*Financial and Public Procurement Regulations*;

Assistenza lill-*management* fit-tmexxija ta' kuljum fit-taqsima tal-Finanzi u Amministrazzjoni;

Twettiq ta' dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati mid-Direttur, MEW;

Qadi ta' dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fi ħdan l-Aġenzija *Identity*

Supervising and assisting as necessary in the issue and closing of overseas travel advances and the subsequent reimbursement procedures, where applicable;

Ensuring that receivable reimbursements are received in time and that are allocated to the respective line item.

Performing Internal Monitoring to ensure compliance with Financial and Public Procurement Regulations

Assisting management in the daily running of the Finance and Administration Section;

Performing any other duties that may be assigned by the Director MEW;

Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should

Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. *Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

(iii) Fil-pusses ta' kwalifika f'Livell 5 tal-MQF minimu ta' 60 ECTS/ECVET, f'qasam Fininazjarju bħal *Accountancy, Business Management, Business Administration* u *Public Policy*. Prijorità se tingħata lill-kanditati b'esperjenza rilevanti.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq jew ogħla, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale*.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa ta' applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa ta' applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in Maltese and English;

(iii) In possession of MQF Level 5 with a minimum of 60 ECTS/ECVETS qualification related to Finance areas such as Accountancy or Business Management or Business Administration or Public Policy. Priority will be given to candidates with relevant experience.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognized MQF level programme of study, as required in the aforementioned eligibility criteria or higher, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma, 52, Triq it-Teatru l-Antik, Il-Belt Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Frar, 2018. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi wkoll permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100 and the pass mark is 50.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Director Corporate Services, Ministry for Energy and Water Management at 52, Triq it-Teatru l-Antik, Valletta, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 16th February, 2018. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mir-Riżorsi Umani fi ħdan il-Ministeru. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, l-indirizz elettroniku, u n-numru tal-*fax* tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma (http://energy.gov.mt), (hr.new@gov.mt), 2291 7000.

It-2 ta' Frar, 2018

submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from HR Section within the Ministry for Energy and Water Management. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, email address and fax number of the receiving Department/Division/Directorate are (http://energy.gov.mt, (hr.mew@gov.mt), 2291 7000.

It-2 ta' Frar, 2018

MINISTERU TAL-INTERN
U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

Post ta' Kuntistabbli fid-Dipartiment tal-Pulizija fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali

(Skont l-HR Plan tal-Ministeru għas-sena 2018)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

1. Il-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta, fil-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali.

Termini u Kundizzjonijet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sentejn.

2.2 Is-salarju ta' Kuntistabbli huwa ta' Skala ta' Salarju 14, li fis-sena 2018 huwa ta' €14,928 fis-sena, li jiżdied bi €316.83 fis-sena sa massimu ta' €16,829.

2.3 Persuna fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija titla' fi Skala 13 (li fis-sena 2018 huwa ta' €15,955 x €335.50 - €17,968) wara sentejn (2) fis-servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS
AND NATIONAL SECURITY

Post of Police Constable in the Malta Police Force within the Ministry for Home Affairs and National Security

(As per Ministry's HR Plan for the year 2018)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Commissioner of Police, Ministry for Home Affairs and National Security invites applications for the post of Police Constable in the Malta Police Force within the Ministry for Home Affairs and National Security.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of two (2) years.

2.2 The salary for the post of Police Constable is Salary Scale 14, which in 2018 is, €14,928 per annum, rising by annual increments of €316.83 up to a maximum of €16,829.

2.3 A Police Constable will progress to Scale 13 (which in 2018 is €15,955 x €335.50 - €17,968) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 Persuna fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija titla' fi Skala 12 (li fis-sena 2018 huwa ta' €17,026 x €354 - €19,150) wara sitt (6) snin fis-servizz fis Skala 13, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Matul iż-żmien li l-kandidati jkunu jattendu l-kors fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, jitħallsu l-paga minima nazzjonali kurrenti u nofs il-*bonus*, skont l-Artikolu 29 tar-Regolamenti dwar Kundizzjonijiet tal-Impjieg sakemm joħroġ ir-riżultat tal-eżamijiet finali mill-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati.

2.6 Minħabba n-natura tax-xogħol, il-post ta' Kuntistabbli tal-Pulizija tattira *allowances* kif speċifikat fis-*Sectoral Agreement* tal-Korp tal-Pulizija intitolat, *New Salary Structure and Conditions for the Police Force*.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' Kuntistabbli tal-Pulizija jinkludu:

a) li jżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma jħallix isiru reati, li jġib 'il quddiem u jwettaq it-tħaris tal-liġijiet, bħala l-ewwel garanzija tad-drittijiet ta' kull persuna f'Malta, ukoll qabel ma tkun meħtieġa xi azzjoni permezz tas-sistema ġudizzjarja għar-ripressjoni, sanzjoni jew rimedju ta' xi ksur;

b) li jirrispondi minnufih għal kull talba għall-ħarsien u l-intervent tal-liġi;

c) li japplika l-liġi mingħajr ebda diskriminazzjoni minħabba f'xi raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, il-lingwa, ir-reliġjon, il-fehma politika jew xi fehma oħra, l-oriġini nazzjonali jew soċjali, l-assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid jew kull *status* ieħor;

d) li jġib 'il quddiem il-koeżistenza ordinata u paċifika tal-persuni kollha f'Malta, filwaqt li jieħu ħsieb kif dovut mhux biss tad-drittijiet dwar il-proprjetà privata imma wkoll dwar il-proprjetà pubblika;

e) li jfittex li jħares l-ambjent bħala parti mill-ġid komuni;

f) li jgħin, f'limiti raġonevoli, lil kull persuna li tkun qed tfittex l-għajnuna ta' Pulizija jew xi uffiċjal pubbliku ieħor ukoll jekk ir-responsabbiltà biex fl-aħħar mill-aħħar tiġi pprovduta dik l-għajnuna ma tkunx tappartieni lill-Korp;

g) li jwettaq onestament u effettivament dawk id-dmirijiet kollha lilu assenjati mill-Kummissarju tal-Pulizija jew b'xi liġi oħra;

h) dmirijiet ohra skont l-eżigenzi tas-Servizzi Pubbliku skont istruzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

2.4 A Police Constable will progress to Scale 12 (which in 2018 is €17,026 x €354 - €19,150) on completion of six (6) years service in Scale 13, subject to satisfactory performance.

2.5 During the time that the candidates are attending the course at the Academy for Disciplined Forces, they will receive the then current basic minimum wage and half the bonus in accordance with Article 29 of the Conditions of Employment (Regulation) Act until the final examination result at the Academy is published.

2.6 Due to the nature of work, the post of Police Constable attracts allowances as specified in the Sectoral Agreement of the Police Force entitled New Salary Structure and Conditions for the Police Force.

Duties

3. The duties of a Police Constable include:

a) to preserve public order and peace, to prevent the commission of offences, to promote and enforce the observance of the laws, as a first guarantee of the rights of all persons in Malta, even before action is needed through the judicial system to repress, sanction or remedy any breach;

b) to respond immediately to any request for the protection and intervention of the law;

c) to apply the law without discrimination on any ground, such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status;

d) to promote the orderly and peaceful coexistence of all persons in Malta, paying due attention not only to private property rights but also to public property;

e) to seek to protect the environment as part of the common good;

f) to assist, within reasonable limits, any person seeking the help of a police or other public officer even though the ultimate responsibility to provide such help may not lie with the Force;

g) to perform honestly and effectively all those duties assigned by the Commissioner of Police and by any law; and

h) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Il-Furjana.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) ċittadini ta' Malta;

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) f'pussess ta' pass (tal-anqas fi Grad 6 jew D jew f'livell kumparabbli) f'Livell MQF 3 f'erba' (4) suġġetti li jkunu jridu jinkludu l-Malti u l-lingwa Ingliża; jew

ikollhom kwalifika f'Livell VET 3 jew *Secondary School Certificate and Profiling Qualification* f'Livell MQF 3 fil-Malti, Ingliż u f'żewġ suġġetti oħra bħala *units* ta' studju separati fil-kors li jkunu segwew;

Applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom MCAST Diploma f'MQF livell 3, jew MCAST-BTEC First Diploma jew MCAST-BTEC Diploma jew Ċertifikat tas-*City and Guilds* f'Livell 2 jiġu kkunsidrati wkoll;

(iv) ikunu għalqu t-tmintax-il (18) sena iżda mhux it-tletin (30) sena sat-Tnejn, is-26 ta' Frar, 2018;

(v) ikunu ta' tul, fil-każ tal-irġiel, mhux anqas minn 1.65m u fil-każ tan-nisa, mhux anqas minn 1.55m meta jitkejlu ħafjin;

(vi) ikunu medikament b'saħħithom f'kull rispett, kemm fiżikament kif ukoll mentalment, skont l-istandard mediku ta' saħħa fil-Korp biex ikunu jistgħu jaqdu d-doveri kollha ta' Pulizija;

(vii) applikazzjonijiet minn kandidati li jkollhom fuq il-persuna tagħhom tatwaġġi u/jew *body piercing* eċċessiv jiġu kkunsidrati skont il-każ;

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq jew ogħla, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Further details of the job description of the post may be obtained from Human Resources Branch, Police General Headquarters, Floriana.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) citizens of Malta;

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) in possession of a pass (at least at Grade 6 or D or a comparable level) at MQF Level 3 in four (4) subjects which must include Maltese and English Language; or

a Level 3 VET qualification or a Secondary School Certificate and Profiling qualification at MQF Level 3 in Maltese, English Language and any two other subjects as separate study units within the course pursued.

Applicants in possession of an MCAST MQF Level 3 Diploma, or an MCAST-BTEC First Diploma, or an MCAST-BTEC Diploma or a City and Guilds Level 2 Certificate will also be considered;

(iv) have attained their eighteenth (18) birthday but not their thirtieth (30) birthday on Monday, 26th February, 2018;

(v) be of a minimum height of 1.65m in the case of males and 1.55m in the case of females when standing on their bare feet;

(vi) be medically fit in all respects, physically and mentally, in accordance with the
medical standards of fitness in the Force to be able to perform all Police duties;

(vii) applications by candidates having tattoos and/or heavy body piercing will be considered on a case-by-case basis.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognized MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria or higher by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale*.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa ta' applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa ta' applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomossjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6. L-EWWEL PARTI – EFFIĊJENZA FIŻIKA/TEST MEDIKU

6.1 Eżami mediku preliminari;

6.2 L-applikanti li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa li joqogħdu għat-test ta' Effiċjenza Fiżika, taħt Bord ta' Għażla

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

6. PART ONE – PHYSICAL EFFICIENCY/ MEDICAL TEST

6.1 Preliminary medical test;

6.2 Eligible applicants will be subject to a Physical Efficiency Test to be held under a Selection Board appointed

maħtur mill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skont l-istandards tal-Korp tal-Pulizija.

Il-livell minimu tat-Test fl-Effiċjenza Fiżika hu magħmul minn dawn it-tliet partijiet:

	Età	Irġiel	Nisa
1 Mile Run	18-30	10 min.	12 min.
Push-Ups (Ripetizzjonijiet)	18-30	15	10
Sit-Ups (Ripetizzjonijiet)	18-30	25	20

Il-kandidati jridu mill-anqas jilħqu l-istandard minimu f'kull parti tat-test fl-Effiċjenza Fiżika, biex jitqiesu li għaddew mit-test fl-Effiċjenza Fiżika. Il-kandidati li ma jgħaddux f'xi wieħed mill-partijiet tat-test fl-Effiċjenza Fiżika, ikunu jistgħu jerġgħu joqogħdu għal *re-sit* ta' dak it-*test* partikulari fi żmien ġimgħa wara li jkun sar l-ewwel test komplut.

Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-test fl-Effiċjenza Fiżika li jitħallew joqogħdu għall-intervista.

7. IT-TIENI PARTI – INTERVISTA SELETTIVA

7.1 Intiża biex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidati, bħal personalità, żveltezza, intelliġenza, komportament personali, kortesija, sens komun, u oħrajn, meħtieġa minn Kuntistabbli tal-Pulizija. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50.

8. IT-TIELET PARTI – EŻAMI MEDIKU

8.1 Il-kandidati kollha li jkunu għaddew b'suċċess l-ewwel u t-tieni parti jkunu suġġetti li jagħmlu eżami mediku.

9. Il-kandidati li ma jgħaddux mill-intervista u/jew minn xi wieħed mill-eżamijiet mediċi ma jitħallewx isegwu l-kors ta' taħriġ.

10. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

11. Il-pożizzjonijiet vakanti jimtlew skont l-ordni ta' mertu finali fl-eżamijiet wara li jitlesta l-kors fl-Akkademja. L-ordni ta' mertu jibqa' jgħodd sa sena min-notifika tar-riżultati u dan sabiex eventwalment ikunu jistgħu jimtlew pożizzjonijiet vakanti oħra.

12. Il-kandidati li jintgħażlu, u li diġà huma marbutin bi ftehim f'xi skema oħra ta' apprendistat, ma jkunux jistgħu jidħlu f'din l-iskema sakemm ma jġibux ċertifikat mill-Jobsplus li jħollhom mill-ftehim tal-iskema ta' apprendistat ieħor.

by the Commissioner of Police, to ensure fitness to Malta Police Force standards.

The minimum standards of the Physical Efficiency Test will comprise the following three components:

	Age	Males	Females
1 Mile Run	18-30	10 mins	12 mins
Push-Ups (Repetitions)	18-30	15	10
Sit-Ups (Repetitions)	18-30	25	20

Candidates must at least attain the minimum standard in each component of the Physical Efficiency Test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test. Candidates who fail in one component will be allowed to re-sit that one particular component within a week from the first complete component.

Only candidates who pass in all the components of the physical test will proceed to the selective interview.

7. PART TWO – SELECTIVE INTERVIEW

7.1 A selective interview designed to bring to the fore those personal qualities in a candidate, such as personality, alertness, intelligence, personal bearing, courtesy, common sense, etc., required of a Police Constable. The maximum mark for this selection process is 100 and the pass mark is 50.

8. PART THREE – MEDICAL TEST

8.1 A full medical test will be carried out to all successful candidates.

9. Candidates who fail in the interview and/or in any part of the medical tests will not be allowed to join the course of training.

10. Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

11. Vacant posts will be filled according to the final order of merit in the examinations following the course at the Academy for Disciplined Forces. The order of merit will continue to subsist for a period of one year from the notification of results in order to fill eventual vacancies.

12. Successful candidates who are already bound by an agreement of apprenticeship shall be precluded from proceeding further with the course, unless they obtain from Jobsplus a certificate of their release from the engagement.

13. Il-kandidati magħżula għall-kors, li jkunu magħrufa bħala Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ, ikunu intitolati għal uniformi b'xejn, u jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu prattika ta' xogħol fuq *shift* taħt sorveljanza, li jinkludi xogħol billejl u/jew xogħol manwali kif meħtieġ. Parti mit-taħriġ fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati jkun fuq bażi residenzjali.

14. Il-kandidati jkunu suġġetti għad-dixxiplina, anke matul il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, skont l-Att dwar il-Pulizija, Kapitolu 164.

15. Il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja jkun jikkonsisti f'kors inizjali komprensiv, li matulu l-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ għandhom isegwu dawk il-korsijiet ta' studju, u jagħmlu l-eżamijiet kif ikun mitlub fil-kors ta' taħriġ, skont ir-regolamenti ġodda tal-kors. L-imsemmi taħriġ komprensiv isir fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati u/jew f'lokalitajiet u/jew postijiet oħra, skont il-ħtieġa. Matul dan il-perjodu l-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ ikunu evalwati fil-prattika u t-teorija minn żmien għal żmien. Kandidati li ripetutament ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell meħtieġ, jista' jkollhom it-taħriġ tagħhom itterminat f'kull żmien. Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ ma jkunux intitolati għall-ebda *vacation leave* matul il-perjodu ta' taħriġ tagħhom fl-Akkademja.

16. Kandidati li jilħqu livell sodisfaċenti fl-aspetti kollha tal-kors inizjali jkunu eliġibbli biex jinħatru Kuntistabbli bi prova għal sentejn. Il-ħatriet isiru skont il-pożizzjonijiet vakanti eżistenti kif provdut f'paragrafu 11. L-aħħar ordni ta' mertu tkun determinata mit-total ta' marki miksuba matul il-kors kollu ta' taħriġ. Dawk li jiksbu livell ta' distinzjoni jistgħu jingħataw l-opportunità li jieħdu taħriġ avvanzat. Dawk li ma jilħqux il-livell meħtieġ ma jinħatrux Kuntistabbli u l-perjodu ta' taħriġ tagħhom jiġi terminat. Madankollu, jista' jingħatalhom ċans ieħor biex jerġgħu jagħmlu l-eżami/eżamijiet finali.

17. Matul il-perjodu ta' sentejn bi prova bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, ir-rekluti ġodda jkunu meħtieġa jkomplu bil-kors ta' taħriġ prattiku fil-Korp tal-Pulizija, li matulu:

(i) jiġu assenjati f'dawk is-Sezzjonijiet tal-Korp skont kif jidhirlu li jkun l-aħjar il-Kummissarju tal-Pulizija, u

(ii) ikunu evalwati kull erba' xhur. Il-progress ta' kull kandidat jiġi evalwat fit-tmiem ta' kull test.

18. Pulizija Kuntistabbli bi prova li ripetutament ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell meħtieġ fl-evalwazzjoni ta' kull erba' xhur jista' jkollhom il-ħatra tagħhom itterminata fit-tmiem tal-perjodu ta' prova.

19. Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jtemm fi kwalunkwe ħin il-kors ta' Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ jekk dan/din juri/turi progress mhux suffiċjenti, nuqqas ta' mġiba korretta, attitudni ħażina jew fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

13. Candidates admitted to the course, who shall be known as Trainee Police Constables, will be entitled to free issue of uniforms. They might be requested to do practical work on a shift basis, under surveillance, which assignment would include night work and/or manual work as necessary. Part of the training at the Academy for Disciplined Forces may be on a residential basis.

14. Candidates will be subject to discipline, even during the traineeship period at the Academy for Disciplined Forces, as provided for in the Police Act, Chapter 164.

15. The traineeship period at the Academy for Disciplined Forces will consist of an initial comprehensive course of training, during which Trainee Police Constables will be required to follow such study courses and sit for such examinations as are laid down in the course of training, according to new course regulations. The aforementioned comprehensive course will be held at the Academy for Disciplined Forces and/or elsewhere as necessary. During the training period Trainee Police Constables will be assessed practically and theoretically from time to time. Trainee Police Constables will not be entitled to any vacation leave during their period of traineeship at the Academy.

16. Trainees who reach a satisfactory level in all aspects of the initial course will be eligible for appointment as Police Constables on probation for two years. Appointments shall be made subject to existing vacancies as provided for in clause 11. The last order of merit will be determined by the total marks obtained during the whole course of training. Those who reach distinction level may be given the opportunity to undertake further advanced training. Those who fail to reach the required standard will not be appointed Constables and will have their traineeship terminated. However, one other chance of a re-sit for the final examination/s might be given.

17. During the ensuing period of two years probation as Police Constables, the newly recruited constables will be required to continue with a practical training-probation course within the Police Force, in which:-

(i) they will be assigned to those Sections of the Force that the Commissioner of Police thinks fit, and

(ii) they will be assessed on four-monthly assessments, in which the progress of every candidate will be evaluated.

18. Probationary Police Constables who repeatedly fail to reach the required standard in these four-monthly assessments may have their appointment terminated at the expiration of the period of probation.

19. The Commissioner of Police can terminate at any time the traineeship of a trainee Police Constable upon unsatisfactory progress, misbehavior, bad attitude or lack of motivation.

20. Pulizija Kuntistabbli bi prova jistgħu wkoll ikunu meħtieġa jagħmlu korsijiet jew iservu barra minn Malta, skont l-eżiġenzi tas-servizz.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

21. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juru kwalifiki u esperjenza flimkien ma' żewġ ritratti riċenti daqs tal-passaport għandhom jintbagħtu lit-Taqsima Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Il-Furjana, indirizzati lill-Kummissarju tal-Pulizija, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, is-26 ta' Frar, 2018.

(i) L-applikazzjonijiet iridu jitwasslu personalment mill-applikant u tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Pulizija.

(ii) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, is-26 ta' Frar, 2018, jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

22. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Il-Furjana. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, in-numru tal-*fax* u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (https://pulizija.gov.mt/), 2124 3067, u (joseph.a.farrugia@gov.mt) rispettivament.

It-2 ta' Frar, 2018

20. Probationary Police Constables may also be required to train and serve abroad according to the exigencies of the service.

Submission of Applications

21. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, including also two passport-size photographs, shall be presented to the Commissioner of Police, at the Human Resources Branch, Police General Headquarters, Floriana, by not later than noon of Monday, 26th February, 2018.

(i) Applications must be delivered personally by hand and will be acknowledged in writing by the Commissioner of Police and a receipt given at the time of delivery.

(ii) Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Monday, 26th February, 2018, may be considered, provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

Other General Provisions

22. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from Human Resources Branch, Police General Headquarters, Floriana. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, fax number and email address of the receiving Department are (https://pulizija.gov.mt/), 2124 3067, and (joseph.a.farrugia@gov.mt) respectively.

2nd February, 2018

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA
TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Project/Team Leader
Numbru ta' permess *Jobsplus* 489/2016
Government Corporate Financial Management

Il-*Project Leader* se jaħdem f'tim biex jikkordina u jmexxi attivitajiet assoċjati mal-Government Financial Management Information System. Ir-rwol jinkludi kollegament mal-klijenti utenti, fornituri esterni u dipartimenti tas-servizzi tal-IT tal-MITA biex ikun żgurat it-twassil effiċjenti u effettiv tar-rekwiżiti kuntrattwali. Il-kandidat magħżul se jkun mitlub ukoll biex jipprovdi mmaniġġjar tal-forniturі, appoġġ tekniku u manutenzjoni għall-kontinwità tal-operat ta' sistemi finanzjarji kurrenti tal-Gvern.

Il-kandidati eliġibbli jrid ikollhom waħda minn dawn il-kwalifiki u/jew esperjenza f'qasam relatat mal-ICT:

i) Kwalifika (Livell MQF 7 jew ogħla); JEW

ii) Kwalifika (Livell MQF 6) u sena esperjenza; JEW

iii) Kwalifika (Livell MQF 5) u tliet snin esperjenza; JEW

iv) Kwalifika (Livell MQF 4) u erba' snin esperjenza; JEW

v) Ħames snin esperjenza f'qasam relatat.

Għarfien/esperjenza fl-analiżi tan-negozju ta' sistemi finanzjarji u/jew kontabbiltà/finanzi jitqiesu bħala vantaġġ.

Għandha tintbagħat CV dettaljata, flimkien ma' *email* ta' applikazzjoni, kopji *scanned* taċ-ċertifikati u l-isem ta' żewġ referenzi u l-indirizz tal-*email* tagħhom sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, id-9 ta' Frar, 2018, lil (careers.mita@gov.mt).

It-2 ta' Frar, 2018

MALTA INFORMATION
TECHNOLOGY AGENCY

Project/Team Leader
Jobsplus Permit Number 489/2016
Government Corporate Financial Management

The Project Leader shall work in a team to coordinate and lead activities associated with the Government Financial Management Information System. The role entails liaison with client users, external suppliers and MITA IT service departments to ensure efficient and effective delivery of contractual deliverables. The successful candidate will also be requested to provide, supplier management, technical support and maintenance for the business continuity of current Government financial systems.

Eligible candidates must hold either of the following qualifications and/or experience in an ICT related area:

i) A qualification (MQF Level 7 or higher); OR

ii) A qualification (MQF Level 6) and an additional one year experience; OR

iii) A qualification (MQF Level 5) and an additional three years' experience; OR

iv) A qualification (MQF Level 4) and an additional four years' experience; OR

v) Five years' experience in a related area.

Knowledge / experience in business analysis of financial systems and/or accounting/finance will be considered an asset.

A detailed CV, together with a covering email, scanned copies of certificates and the names of two referees and their email addresses should be submitted by not later than Friday 9th February, 2018, to (careers.mita@gov.mt).

2nd February, 2018

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA
TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Technical Services Officer – ICT Services Management
Service Call Centre u Control Centre
Jobsplus Permit Number: 225/2016

Numru ta' postijiet vakanti huma disponibbli għall-pożizzjoni ta' *Technical Services Officer* fl-oqsma li ġejjin:

1. *Service Call Centre*: It-*Technical Services Officer* hawn jipprovdi appoġġ tekniku ta' kwalità għolja u remot lill-klijenti tal-MITA permezz tal-użu sħiħ ta' għodod maniġerjali filwaqt li jagħmel djanjożi tal-inċidenti u jipprovdi rispons.

2. *Control Centre*: It-*Technical Services Officer* hawn jagħmel monitoraġġ u jagħti appoġġ lis-servizzi u

MALTA INFORMATION
TECHNOLOGY AGENCY

Technical Services Officer – ICT Services Management
Service Call Centre and Control Centre
Jobsplus Permit Number: 225/2016

Vacancies have arisen for the position of Technical Services Officer within the following areas:

1. Service Call Centre: The Technical Services Officer here provides high quality, remote technical support to MITA customers through the full use of availability management tools whilst diagnosing incidents and providing feedback.

2. Control Centre: The Technical Services Officer here monitors and supports all Government ICT services and

l-infrastruttura kollha tal-ICT biex jiżgura proviżjoni tas-servizz eċċellenti fuq bażi 24x7x52. Din il-pożizzjoni hi bbażata fuq xift.

Il-kandidati magħżulin għandu jkollhom għarfien f'diversi oqsma relatati mal-ICT bħal *Local Area Networks, Operating Systems*, u *Desktop Technology* u jridu jkun kapaċi jintegraw mal-klijenti tal-MITA. Il-kandidati li jintgħażlu jridu wkoll ikunu fluwenti kemm fil-lingwa Maltija kif ukoll fil-lingwa Ingliża.

Il-kwalifiki, esperjenza u kompetenzi tal-kandidati se jiġu evalwati skont il-qafas tal-*Career Progression* tal-Aġenzija. Il-kandidati li jiġu magħżula jistgħu jiġu ingaġġati fuq livell ta' Associate – Livell ta' Karriera 2, JEW Livell Standard – Livell ta' Karriera 3.

Kriterji għall-eliġibbiltà:

Wieħed milli ġejjin f'oqsma tal-ICT:
i) Kwalifika f'Livell MQF 5 JEW ogħla; jew
ii) Kwalifika f'qasam relatat (Livell MQF 4) u sena esperjenza f'qasam relatat; jew
iii) Sentejn esperjenza f'qasam relatat.

Id-dettalji kollha jistgħu jinkisbu minn (www.mita.gov.mt/careers)

Gradwati ġodda jistgħu jiġu offruti opportunità ta' impjieg jekk jipprovdu r-riżultati finali.

Għandha tintbagħat CV dettaljata, flimkien ma' *email* ta' applikazzjoni, kopji *scanned* taċ-ċertifikati u l-isem ta' żewġ referenzi u l-indirizz tal-*email* tagħhom sa mhux aktar tard mit-Tlieta, it-13 ta' Frar, 2018, lil (careers.mita@gov.mt).

It-2 ta' Frar, 2018

infrastructure to ensure excellent service provision on a 24x7x52 basis. This position is shift based.

Successful candidates must be knowledgeable in various ICT related areas such as Local Area Networks, Operating Systems, and Desktop Technology and must be able to integrate with MITA's clients. Successful candidates must also be fluent in both Maltese and English languages.

Candidates' qualifications, experience and competencies will be assessed in line with the Agency's Career Progression framework. Successful candidates may be engaged at either the Associate level – Career Level 2, OR the standard level – Career Level 3.

Eligibility Requirements:

One of the following in an ICT area:
i) A qualification at MQF Level 5 OR higher; OR
ii) A qualification in a related area (MQF Level 4) AND 1 year experience in a related area; OR
iii) 2 years experience in a related area.

All details can be found on (www.mita.gov.mt/careers)

Fresh graduates may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results.

A detailed CV, together with a covering email, scanned copies of certificates and the names of two referees and their email addresses should be submitted by not later than Tuesday, 13th February, 2018, to (careers.mita@gov.mt).

2nd February, 2018

AWTORITÀ DWAR IL-MEDIĊINI

Postijiet mal-Awtorità dwar il-Mediċini

L-Awtorità dwar il-Mediċini tilqa' applikazzjonijiet għal:

Farmaċisti (Permess tal-Jobsplus Nru: 57/2018).

International Fellowship Programme (Permess tal-Jobsplus Nru: 03/2017).

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn (www.medicinesauthority.gov.mt/careers).

Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tas-Sibt, l-10 ta' Frar, 2018, lil (hr.medicinesauthority@gov.mt).

It-2 ta' Frar, 2018

MEDICINES AUTHORITY

Posts with the Medicines Authority

The Medicines Authority invites applications for:

Pharmacists (Jobsplus Permit No: 57/2018).

International Fellowship Programme (Jobsplus Permit No: 03/2017).

Further information may be obtained from (www.medicinesauthority.gov.mt/careers).

Applications are to be submitted by not later than noon of Saturday, 10th February, 2018, to (hr.medicinesauthority@gov.mt).

2nd February, 2018

AWTORITÀ TAD-DJAR

HomeAssist Loans – Housing Authority Repayment Assistance Scheme

1. L-Għan tal-Iskema

L-Awtorità tad-Djar b'kollaborazzjoni mal-Bank of Valletta p.l.c. (il-"Bank") u l-*Foundation for Social Welfare Services,* se tipparteċipa fi Skema sabiex tgħin persuni jixtru proprjetà residenzjali għall-użu personali tagħhom u b'hekk isiru sidien ta' darhom.

2. Metodu ta' Kif Taħdem l-Iskema

Din l-iskema hija miftuħa għal dawk l-applikanti li jridu jixtru residenza għall-użu personali tagħhom mis-settur privat.

Il-Bank of Valletta p.l.c., suġġett li jiġu sodisfatti l-kriterji kollha tal-Bank of Valletta p.l.c., se jagħti self sa massimu ta' €120,000 sabiex tinxtara proprjetà fi stat *finished* u abitabbli, jew fi stat *shell* li tista' titlesta għal stat abitabbli iżda fejn l-ispiża totali tax-xiri u l-*finishing* ma teċċedix €120,000. Is-self, fejn applikabbli, se jkopri wkoll id-depożitu relatat max-xiri tal-proprjetà, kif ukoll, l-Awtorità se tassisti taħt din l-iskema billi tissussidja sa massimu ta' €167 fix-xahar bħala għotja fuq il-pagament lill-Bank of Valletta p.l.c. tas-self fuq il-finanzjament ta' din il-proprjetà. Barra minn hekk, l-Awtorità tad-Djar se tassisti wkoll bis-servizzi professjonali ta' Nutar li se jkun imqabbad mill-istess Awtorità tad-Djar.

3. Min Jista' Japplika Taħt din l-Iskema

Persuni jikkwalifikaw għas-sussidju tal-Awtorità tad-Djar taħt din l-iskema jekk fid-data tal-applikazzjoni:

(a) ikollhom minn 18-il sena 'l fuq;

(b) ikunu ċittadini Maltin;

(c) ikunu f'impjieg fiss *full-time;*

(d) ma jkollhomx assi kapital 'il fuq minn €23,300;

(e) ma jkollhomx proprjetà oħra;

(f) f'każ ta' applikant/a li kien/kienet miżżewġa, jew imsieħba f'unjoni ċivili skont l-Att dwar l-Unjoni Ċivili, ikollhom divorzju finalizzat jew separazzjoni finalizzata mill-Qorti jew permezz ta' kuntratt fid-data tal-applikazzjoni;

(g) ma jkollhomx dħul annwu aggregat ta' aktar minn:

HOUSING AUTHORITY

HomeAssist Loans – Housing Authority Repayment Assistance Scheme

1. Aim of the scheme

The Housing Authority, in collaboration with Bank of Valletta p.l.c (the Bank) and the Foundation for Social Welfare Services, will be participating in a scheme to assist persons to purchase a property for residential and personal use and thus become home owners.

2. Scheme's Procedure

This scheme is intended to those applicants who wish to purchase their residence for personal use from the private sector.

The Bank of Valletta, subject to all bank's criteria being satisfied, will be granting applicants a maximum loan up to €120,000 to purchase a property in finished and habitable state or in shell form state which can be rendered to a habitable state at the total expense of €120,000 which includes the purchasing and finishing of same property. The total amount of loan, where applicable, will cover the deposit related to the purchasing of the property. In addition, the Authority will assist applicants by granting them a monthly subsidy of not more than €167 on loan repayment to the Bank of Valletta in relation to the loan towards the purchase of this property. Furthermore, the Authority will be assisting these applicants with the professional services of a Notary, who will be appointed by the Housing Authority.

3. Qualification to Apply Under This Scheme

The following persons can qualify for subsidy from the Housing Authority under this scheme, if on date of application, they are:

(a) over the age of 18;

(b) Maltese citizens;

(c) in full-time employment;

(d) not in possession of assets exceeding €23,300;

(e) not in possession of other immovable property;

(f) legally separated by a final judgment of the Competent Court pronouncing separation or legally separated by means of a public deed;

(g) not in possession of annual aggregate income exceeding:

€20,000 f'każ ta' koppja, li wieħed jew it-tnejn qegħdin f'impjieg;

€19,000 f'każ ta' ġenitur bi tfal jgħixu miegħu/magħha;

€18,000 f'każ ta' persuna tgħix waħedha;

€20,000 f'każ ta' persuna b'diżabbiltà jew familja li għandha persuna b'diżabbiltà tgħix magħha.

Overtime, benefiċċju ta' waqt l-impjieg (IWB) u għajnuna soċjali mnaqqsa (UAT) ma jiġux ikkunsidrati mas-salarju tal-applikanti.

4. Dħul Annwu Totali tal-Applikant

Għall-iskopijiet ta' din l-applikazzjoni d-dħul annwu aggregat tal-applikant jinkludi:

(a) dħul gross minn impjieg, paga u/jew salarju, pensjoni u/jew benefiċċji soċjali oħra tal-applikanti fl-intier tagħhom għas-sena bażi preċedenti. Meta l-applikazzjoni ssir minn żewġ applikanti, jiġi kkunsidrat id-dħul gross mill-impjieg tal-applikanti kollha;

(b) id-dħul tal-applikant għas-sena bażi kalendarja minn kapital imħaddem, bħal depożiti f'banek, *shares*, *stocks*, self, kirjiet, investimenti f'intrapriżi kummerċjali, investimenti oħra, fil-proprjetà inkluż qligħ kapitali (*capital gains*).

Mid-dħul gross annwali jitnaqqas l-*overtime*/benefiċċju ta' waqt l-impjieg (IWB) u għajnuna soċjali mnaqqsa (UAT).

5. Kundizzjonijiet għall-Assistenza

(a) Il-proprjetà li se tinxtara mill-applikanti trid tkun mibnija bil-permessi kollha rikjesti, fi stat *finished* u abitabbli, jew fi stat *shell* sakemm l-ispiża tax-xiri u l-*finishing* ma teċċedix €120,000;

(b) Il-proprjetà li tikkwalifika għall-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema għandha tintuża u tiġi okkupata mill-applikanti esklussivament bħala r-residenza ordinarja tagħhom;

(c) L-applikanti għandhom jokkupaw il-proprjetà mixtrija sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data tal-kuntratt ta' bejgħ f'każ li tkun fi stat *finished* u abitabbli; u erbgħa u għoxrin (24) xahar mid-data tal-kuntratt ta' bejgħ f'każ li tkun fi stat *shell*;

(d) Sakemm l-applikanti jkunu qegħdin jibbenefikaw minn sussidju taħt din l-iskema, huma ma jkunux jistgħu jikru jew b'xi mod ieħor jittrasferixxu jew jaljenaw il-fond jew il-pussess tiegħu lil terzi. Huma lanqas ma jistgħu jagħtu l-kunsens tagħhom biex xi terzi jabitaw f'dan il-post anke b'mera tolleranza jew b'titolu gratwit;

€20,000 in case of couples, who are both/or one of them in employment;

€19,000 in case of single parents which children living with them.

€18,000 in case of single persons

€20,000 in case of a disabled persons or family with a disabled member.

Overtime, in work benefit (IWB) and tapered unemployment assistance (UAT) are not to be considered as part of the aggregate income of the applicant.

4. Aggregate Annual Income

For all purposes of the application, the calculation of the aggregate annual income of applicant shall be as follows:-

(a) the gross income from any occupation, pay and/or salary, pension and/or other social benefits earned by the applicants during the basic preceding calendar year. When the application is made by two, the gross income of both applicants is taken into consideration.

(b) the applicant's income and those of his wife during the basic calendar year from capital assets such as; bank deposits, stocks, shares, loans, rents, investments in commercial enterprises, other investments in property, including capital gains.

The overtime, in work benefit (IWB) and tapered unemployment assistance (UAT) are not to be considered in the calculation of the gross income.

5. Conditions of the Scheme

(a) The property, which is to be purchased by the applicant, should be built in accordance with building regulations and planning permits, be in a finished and habitable state, or in shell form as long as the purchase price and the amount of the necessary finishing do not exceed €120,000.

(b) The property which qualifies under this scheme should be used and occupied by the applicants exclusively as their ordinary residence.

(c) In case of finished properties, applicants must occupy the property purchased, within six (6) months from the date of deed whilst applicant purchasing properties in shell form, these should occupy the property within two (2) years from the date of the deed.

(d) As long as the applicants are enjoying subsidy under this scheme, applicants must not rent or transfer the property under any title to third parties. They should not allow third parties to occupy the immovable property under any title even if by gratuities or by mere tolerance.

(e) F'każ li l-applikanti jridu jittrasferixxu b'titolu *inter vivos* il-proprjetà minnhom akkwistata, huma għandhom jitolbu u jottjenu l-permess mogħti minn qabel u bil-miktub mill-Awtorità u mill-Bank of Valletta p.l.c. sabiex jittrasferixxu l-fond u kwalunkwe pagament ta' sussidju taħt din l-iskema jiġi mwaqqaf hekk kif jiġi mħallas għas-saldu l-ammont tas-self dovut lill-Bank, flimkien ma' imgħax u spejjeż relattivi.

(e) If applicants wish to transfer the properties to third parties, they should obtain a written consent from both the Bank and the Authority in order to transfer the property and any payment of subsidy enjoyed under this scheme, should be terminated as soon as the total balance of the loan is paid to the bank together with the interest incurred and any other legal fees.

(f) F'każ illi l-applikanti, wara li jottjenu l-permessi rikjesti biex ibigħu l-fond akkwistat minnhom lil terzi, huma għandhom jirrifondu kwalunkwe spejjeż li jiġu indikati lilhom mill-Awtorità tad-Djar li kienu ġew imħallsa mill-Awtorità tad-Djar fuq il-kuntratt tal-akkwist u ċjoè dawk imsemmija fi Klawsoli 5 (j) u (k). Għal kull *buon fini*, huwa mifhum li mal-bejgħ ta' tali proprjetà lil terzi, is-self mogħti mill-Bank għandu wkoll jiġi mħallas għas-saldu flimkien mal-imgħax dovut u spejjeż anċillari.

(f) In the eventuality, that the applicants, after obtaining the necessary consents to transfer the property, want to sell their property purchased under this scheme to third parties, they should refund to the Authority any fees indicated by the Authority which fees where paid by the Authority on date of deed and which are mentioned in Clause 5(j) & (k). For the avoidance of doubt it is being clarified that, on the sale of the said property to third parties, the loan given by the Bank has to be repaid with any interest incurred to the bank together with other ancillary fees.

(g) Fl-eventwalità li l-applikanti li jibbenefikaw taħt din l-iskema jkunu f'relazzjoni, f'unjoni ċivili jew miżżewġa, u r-relazzjoni ta' bejniethom tintemm jew f'każ ta' separazzjoni jew annullament jew divorzju, huma u ċjoè kull wieħed jew waħda mill-partijiet ikunu obbligati li jinfurmaw lill-Awtorità tad-Djar b'dan fi żmien tletin (30) ġurnata mid-data li sseħħ l-imsemmija eventwalità. F'każ illi sseħħ xi waħda mill-eventwalitajiet hawn imsemmija, l-Awtorità tad-Djar tirriżerva d-dritt li tirrevedi l-pagament ta' sussidju. Huwa wkoll mifhum li s-self mogħti mill-Bank għandu jibqa' jitħallas flimkien mal-imgħax dovut sakemm ma jintlaħaqx ftehim ġdid mal-Bank sabiex isir kuntratt ta' self ġdid mal-Bank fejn wieħed mill-applikanti jixtieq jieħu s-self u kif ukoll it-titolu tal-proprjetà f'ismu waħdu u/jew waħedha skont il-każ.

(g) In the case married / engaged couples or two persons who have entered into a Civil Union get separated/ annulled, divorced or terminated their relation both applicants shall, within thirty (30) days from the date of such dissolution, give a written notice thereof to the Authority. In the case of the above eventuality, the Authority reserves the right to revised the subsidy. For the avoidance of doubt it is being clarified that applicant has to continue paying the loan together with its interest, until a new agreement is reached in order to sign a new agreement with the Bank where one of the applicants intends to shoulder the full loan and transfer the whole title of the property onto his name.

(h) L-Awtorità tad-Djar ikollha d-dritt illi twaqqaf il-pagamenti ta' sussidju taħt din l-iskema f'każ li l-applikant jonqos milli jħallas il-pagament tas-self anke wieħed, kif ukoll f'każ illi l-applikant ma jibqax jissodisfa l-kriterji ta' din l-iskema għalkemm kien jissodisfahom fid-data tal-applikazzjoni u fid-data ta' dan il-ftehim. Għal kull *buon fini*, dan ifisser li f'tali eventwalità, il-Bank ikollu d-dritt li jitlob mingħand l-applikant il-pagament mensili sħiħ biex jitħallas lura s-self u dan mingħajr preġudizzju għall kull rimedju legali ieħor li l-Bank ikun jista' jieħu kontra l-applikant.

(h) The Authority will have the right to suspend the payment of subsidy under this scheme if the applicant fails to effect even one loan repayment, and even if the applicant does no longer satisfy all conditions of the scheme even though he would have been eligible for subsidy on date of application or on date of agreement. For the avoidance of doubt it is being clarified that, in this eventuality, the bank will have the right to ask applicant to pay the full loan repayment and this without prejudice to any legal rights towards the bank in regard to the repayment of loan by applicant.

(i) Il-kundizzjonijiet elenkati taħt din l-iskema għandhom jiffurmaw parti integrali mill-kuntratt ta' bejgħ u l-kompraturi jiddikjaraw illi jafuhom u jaċċettawhom.

(i) The conditions of this scheme should form an integral part of the deed of sale and the applicants should declare that they are fully aware and fully accept them.

(j) Drittijiet u spejjeż notarili jitħallsu mill-Awtorità tad-Djar. Dawn jinkludu d-dritt dovut lin-Nutar skont il-liġi, spejjeż tar-reġistrazzjoni tal-kuntratt u spejjeż oħra relatati mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt, b'dan però illi

(j) The Authority is to pay for all professional notarial fees and expenses. These include fees due Notaries according to law, fees for registration of deed and other fees related to the publication of the deed, but the fees related

mhumiex inklużi l-ispejjeż tar-riċerki, liema spejjeż iridu jitħallsu mill-applikant/i. Spejjeż relatati mal-ipproċessar tal-applikazzjoni tas-self mill-Bank li jinkludu wkoll id-drittijiet u spejjeż legali u professjonali tal-Bank jitħallsu mill-Awtorità tad-Djar. Jekk però għal xi raġuni l-kuntratt ta' self u xiri ma jiġix konkluż u ippubblikat, l-ispejjeż u d-drittijiet legali u professjonali tal-Bank ikunu dovuti lill-Bank mill-applikant/i.

(k) F'każ ta' bejgħ tal-proprjetà lil terzi, l-Awtorità ma tkunx tenuta tħallas ebda spejjeż;

(l) Id-depożitu mħallas fuq il-konvenju għandu jinżamm min-Nutar sakemm l-att finali jiġi ffirmat

(m) Is-sussidju jiġi mħallas dirett lill-Bank of Valletta p.l.c.;

(n) Iridu jiġu sodisfatti wkoll il-kriterji kollha stabbiliti mill-Bank of Valletta p.l.c. sabiex jingħata s-self mill-Bank of Valletta p.l.c. Id-deċiżjoni tal-Bank of Valletta p.l.c. f'dan ir-rigward hi finali.

6. Is-Sussidju Mogħti Taħt din l-Iskema

(a) Is-Sussidju li se jingħata, u jibqa' jingħata sakemm l-applikant/i ikun/u jikkwalifika/w għalih hu skont kif jidher hawn taħt:

(b) Tabella ta' Sussidju

Kategorija	Dħul Annwu Totali għas-Sena Bażi Kalendarja	Sussidju Massimu Mħallas fis-sena
A	€	€
Persuna tgħix waħedha	0,000 – 18,000	1,600
Persuna tgħix waħedha (Diżabbiltà)	0,000 – 20,000	1,725
B	€	€
Ġenitur wieħed bi tfal	0,000 – 19,000	1,900
Ġenitur wieħed bi tfal (Diżabbiltà)	0,000 – 20,000	2,025
C	€	€
Koppji	0,000 – 20,000	2,000
Koppji (Diżabbiltà)	0,000 – 20,000	2,125
Koppji (+ 5 membri)	0,000 – 20,000	2,125
Koppji bi tfal *fostered* jgħixu magħhom	0,000 – 20,000	2,300

to searches are excluded – such fees will have to be paid by the applicant. Bank processing fees which include legal and professional fees, are to be paid by the Authority. If the eventuality that the deed of sale and loan is not concluded for any reason, and therefore not published, the bank legal and professional fees due to the bank will have to be fully paid by the applicants.

(k) In eventuality that the property is sold to third parties, the Authority will not be bound to pay any fees/expenses;

(l) The deposit paid on Preliminary Agreement should be retained by the Notary until the final deed is signed;

(m) The subsidy under his scheme will be directly deposited at Bank of Valletta;

(n) The loan facility is only granted by Bank of Valletta p.l.c if all Bank of Valletta p.l.c's established conditions and criteria are satisfied. The Bank of Valletta p.l.c' s decision in this regards should be final.

6. Subsidy Granted Under This Scheme

(a) The subsidy will be granted to applicant as long as he qualifies for it and according to the following schedule:

(b) Schedule of Subsidy

Category	Gross Annual Income for a basic Calendar Year	Annual Maximum Subsidy
A	€	€
Single Person	0,000 – 18,000	1,600
Disabled Single Person	0,000 – 20,000	1,725
B	€	€
Single parents with Children living with them	0,000 – 19,000	1,900
Disabled single parents with children living with them	0,000 – 20,000	2,025
C	€	€
Couples	0,000 – 20,000	2,000
Disabled Couples	0,000 – 20,000	2,125
Couples (+ 5 members)	0,000 – 20,000	2,125
Couples with fostered children living with them	0,000 – 20,000	2,300

Oltre dan, persuni waħedhom li:

(1) kienu għamlu xi żmien f'xi djar tat-tfal; jew

(2) kienu f'xi perjodu *fostered*;

jibbenefikaw minn sussidju sa massimu ta' €3,200 fis-sena sakemm jilħqu l-età ta' tmienja u għoxrin (28) sena. Dan iffisser li dawn l-applikanti jingħataw id-doppju tas-sussidju li jkunu se jikkwalifikaw għalih skont it-Tabella ta' hawn fuq.

Id-dħul annwali għas-sena bażi kalendarja fit-Tabelli fuq indikati jkun rivedut kull sena bl-ammont ta' awment tal-għoli tal-ħajja.

Membru tal-familja għandu jinkludi biss:

(1) l-applikanti; u

(2) tfal li jgħixu fil-familja li jinkludu tfal *fostered*, neputijiet jew tfal relatati mal-applikant sat-tieni grad anke fil-linja kollaterali. It-tfal iridu jkunu:

(i) mhux miżżewġa u/jew f'unjoni ċivili; u

(ii) dipendenti mill-applikant; u

(iii) bla impjieg; u

(iv) taħt it-tmintax-il sena.

L-età ma tapplikax għall-persuni reġistrati bħala *disabled*.

(c) L-ewwel pagament tas-sussidju jsir hekk kif isir dovut l-ewwel pagament mensili lill-Bank u l-applikant iħallas l-ewwel pagament fuq is-self mensili lill-Bank. F'każ li l-applikant ikun qiegħed jibbenefika minn sussidju fuq il-kera taħt l-iskema tal-Awtorità, dan is-sussidju jieqaf immedjatament hekk kif l-ewwel pagament ta' sussidju taħt din l-iskema jkun inħareġ.

7. Reviżjoni ta' Sussidju

Is-Sussidju jiġi rivedut kull sentejn. Kull sentejn l-Awtorità tad-Djar tagħmel reviżjoni fuq id-dħul u l-assi tal-applikanti, però eskluż il-valur tal-assi u ċjoè il-valur tal-immobbli residenzjali mixtrija mill-applikant taħt din l-Iskema F'kull sena tar-reviżjoni l-applikant irid jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tal-iskema. Jekk fid-data tar-reviżjoni hu ma jissodisfax il-kundizzjonijiet ta' din l-iskema (u dan minkejja li fid-data tal-applikazzjoni hu kien issodisfa dawn il-kundizzjonijiet u b'hekk kien ikkwalifika) ma jkunx intitolat għal xi sussidju ulterjuri u dan wara li jkun hemm qbil mal-Bank.

In additional, single people who:

(1) lived in care; or

(2) were for a period of time fostered;

they can benefit from the subsidy amounting to a maximum of €3,200 per annum until the age of twenty eight (28). This means that these applicants will be granted twice the amount of rent subsidy they are entitled to according to Table above.

The annual income for the basic year above indicated in tables above shall be reviewed every year by the amount of increase on a yearly basis other National Minimum Wage.

A member of the family is to include only:

(1) the applicants; and

(2) children living in the household including fostered children, grandchildren or children related to the applicant up to the second degree even in the collateral line. The children must be:

(i) not married or in a Civil Union; and

(ii) dependent on the applicant; and

(iii) not gainfully employed; and

(iv) under 18 years of age.

The age limit shall not apply to children registered as disabled.

(c) The first payment of subsidy is effected as soon as the first payment on loan is due to the bank and applicants effects his first monthly repayment. In case the applicant is in receipt of rent subsidy issued by the Authority, this subsidy is terminated with immediate effect and as soon as the first monthly subsidy on loan under this scheme is issued.

7. Revision of Subsidy

The subsidy is revised evert two years. Every two years the Authority will carry out a full means test on applicants which includes the checking of both income and assets, but the value of the property purchased under this scheme is not considered as assets. In each year where a revision of income/assets takes place, the applicant has to satisfy all conditions of the scheme and will not be eligible for any subsidy if he does not satisfy all conditions of this scheme (even though he would have been eligible for subsidy on date of application) and this in agreement with the Bank.

8. Telf ta' Sussidju

Jekk l-applikant li jkun applika b'suċċess:

(i) ikun ta informazzjoni li tinstab li hi skorretta jew qarrieqa, huwa awtomatikament jitlef id-dritt li jkompli igawdi mis-sussidju taħt din l-iskema; u l-Awtorità tkun tista' tagħmel ir-rapporti opportuni lill-uffiċjali investigattivi – skont il-każ;

(ii) ma jissodisfax il-kundizzjonijiet kollha tal-iskema fid-data tar-reviżjoni li ssir kull sentejn;

is-sussidju jitwaqqaf immedjatament bi qbil mal-Bank u l-applikant ma jkunx intitolat għal sussidju ulterjuri.

Jekk jirriżulta wkoll li l-applikant kiser xi kundizzjoni ta' din l-iskema, huwa awtomatikament jitlef id-dritt li jkompli igawdi mis-sussidju taħt din l-iskema. Id-deċiżjoni minnaħa tal-Awtorità tad-Djar għat-terminazzjoni ta' sussidju taħt din l-iskema tkun waħda finali u tiġi fis-seħħ wara qbil milħuq mal-Bank u dan bla ebda preġudizzju għal kull dritt u/jew rimedju legali spettanti lill-Bank fir-rigward tal-applikant għal ħlas lura tas-self, imgħax dovut u spejjeż anċillari. L-applikant ikun obbligat ukoll li jħallas penali ta' għaxar ewro (€10) fil-ġimgħa jew parti ta' ġimgħa li tgħaddi sakemm jottempora ruħu mal-imsemmija kundizzjonijiet.

9. Dritt ta' Rifjut ta' Applikazzjoni

Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema l-Awtorità kif ukoll il-Bank of Valletta p.l.c. ikollhom id-dritt fid-diskrezzjoni rispettiva u assoluta tagħhom, li jirrifjutaw kull applikazzjoni u d-deċiżjoni rispettiva tagħhom tkun finali.

10. Interpretazzjoni

F'kull każ qed jiġi ribadit li f'każ ta' diverġenza bejn it-test Malti u dak Ingliż, it-test Malti għandu jipprevali.

11. Emendi għall-Iskema

L-Awtorità żżomm id-dritt li tagħmel kwalunkwe emenda neċessarja għal din l-iskema billi tippubblika dawn l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern u dan wara ftehim milħuq minn qabel mal-Bank.

It-2 ta' Frar, 2018

8. Loss of Subsidy

If an applicant who has applied successfully under this scheme:

(i) has given incorrect information, which is proved to be false or incorrect, he will automatically forfeit the right from benefiting from subsidy under his scheme; In addition, the Authority will have the right to report the case to investigative authority concerned.

(ii) Does not satisfy all the condition of the scheme upon revision date which occurs every two years;

the subsidy will be terminated with immediate effect in accordance with the Bank and applicant will not be entitled to any further subsidy.

In the eventuality where one or more of the conditions of this scheme are not adhered to, the applicant shall automatically forfeit the right for subsidy under this scheme. The Authority's decision to terminate the subsidy, in accordance with the Bank, will be final and this is without prejudice to any legal rights towards the bank in regard to the repayment of loan by applicant, interest due and other ancillary fees. The applicant will be obliged to pay a penalty fee of ten euro (€10) per week, or for any part thereof and this until the same applicant adheres to the same conditions.

9. Right of Refusal

Notwithstanding anything contained in the foregoing provisions of this Scheme, the Authority as well as the Bank shall have the right to refuse any application and their respective decision will be final.

10. Interpretation

In case the Maltese text differs from the English text, the Maltese text will prevail.

11. Amendment of Scheme

The Authority shall have the right to make any amendments to this Scheme, and this in agreement with the Bank, by publication of the said amendments in the Government Gazette.

2nd February, 2018

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Nikru Biex Nassistu

B'referenza għall-Iskema Nikru Biex Nassistu ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Settembru, 2017, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel is-segwenti emendi:

(a) Temenda Klawsola 2 biex taqra kif ġej:

2. Sidien ta' proprjetà residenzjali vojta fi stat *finished* u proprjetà ġebel u saqaf li hija mibnija skont ir-regolamenti tal-bini u l-permessi ta' żvilupp, huma eliġibbli li japplikaw taħt din l-iskema. Sidien ta' proprjetà li għandha diġà permess tal-bini huma wkoll eliġibbli li joffru din il-proprjetà fuq pjanta. Proprjetajiet ġebel u saqaf u fuq pjanta se jingħataw lill-Awtorità fi stat ta' *finished*. Preferenza tingħata lill-proprjetajiet li jkunu fornuti b'*lift*.

(b) Temenda Klawsola 3.1 biex taqra kif ġej:

3.1 L-applikant għandu d-dritt legali li jikri l-proprjetà lill-Awtorità. Oltre dan m'hemmx litigazzjoni pendenti a rigward tal-istess immobbli kif ukoll l-istess immobbli mhux suġġett għal proċeduri ta' subbasta;

(c) Temenda Klawsola 3.3 biex taqra kif ġej:

3.3 Preferenza tingħata lill-proprjetajiet li jkunu fornuti b'*lift*;

(d) Temenda Klawsola 3.6 biex taqra kif ġej:

3.6 L-applikant għandu jipproduċi *compliance certificate* għall-applikazzjoni tad-dawl u l-ilma meta mitlub mill-istess Awtorità tad-Djar. L-applikant għandu wkoll jipproduċi ċ-ċertifikazzjoni tal-lift tal-blokk fejn applikabbli kif ukoll *energy performance certificate*;

(e) Temenda Klawsola 3.8 biex taqra kif ġej:

3.8 L-applikant irid jifforma parti minn kondominju skont l-Att dwar il-Kondominju, Kap. 398, tal-Liġijiet ta' Malta, fejn applikabbli, liema kondominju jerfa' r-responsabbiltà tal-manutenzjoni tal-partijiet komuni, inkluż il-lift fejn applikabbli. Il-ħlas għall-manutenzjoni tal-partijiet komuni fuq kull appartament mikri lill-Awtorità jkun imħallas mill-Awtorità lill-applikant. L-Awtorità se tiffissa l-ħlas għall-manutenzjoni tal-partijiet komuni skont in-numru ta' appartamenti fil-blokk, liema somma tiġi mħallsa direttament fil-kont tal-bank imsemmi fi-klawsola numru 4.2 u dan flimkien mal-kera. Għal matul is-snin ta' wara

HOUSING AUTHORITY

Scheme Nikru Biex Nassistu

With reference to Scheme Nikru Biex Nassistu published in the Government Gazette of the 1st September, 2017 the Housing Authority wishes to effect the following amendments:

(a) Amend Clause 2 to read as follows:

2. Any owner of vacant residential property in a finished state or shell form and built in accordance with building regulations and planning permits is eligible to apply under this scheme. Also eligible are properties which are being offered on plan and which already have a development permit. Properties in shell form and on plan will be handed to the Authority in a finished state. Preference will be given to properties served with a lift.

(b) Amend Clause 3.1 to read as follows:

3.1 The applicant is legally authorised to rent the property to the Authority. In addition, there should not be any pending litigations in regard to this property and same property is not subject to sale by auction (*subbasta*).

(c) Amend Clause 3.3 to read as follows:

3.3 Preference will be given to properties served with a lift;

(d) Amend Clause 3.6 to read as follows:

3.6 The applicant is to provide a compliance certificate for utility services application when requested for it by the Authority. The applicant is also to provide the necessary lift certificates, where applicable together with an Energy Performance Certificate (EPC).

(e) Amend Clause 3.8 to read as follows:

3.8 The applicant is to form part of the condominium in accordance with the Condominium Act, Cap. 398, where applicable, which condominium will be responsible for the maintenance of the common parts and lift where applicable. The contribution of the common parts due for each apartment leased to the Authority will be paid directly by the Authority to the applicant. This maintenance fee will be capped by the Authority depending on the number of units within the block which amount will be directly deposited in the applicant's bank as mentioned in clause 4.2 together with the amount of rent due to applicant. For the following years, a revision

għandha ssir reviżjoni tal-manutenzjoni tal-partijiet komuni kull sena bir-rata ta' tnejn fil-mija (2%) fis-sena. L-applikant se jibqa' responsabbli għall-assoċjazzjoni tar-residenti u obbligi relatati kif stipulat fi Klawsola 3.17;

(f) Temenda Klawsola 3.10 biex taqra kif ġej:

3.10 L-applikant jagħti d-dritt lill-Awtorità tad-Djar illi terġa' tikri l-istess proprjetà lil terzi fid-diskrezzjoni assoluta tagħha. L-Awtorità tad-Djar se jkollha d-dritt esklussiv illi tiġbor il-kera dovuta mingħand l-inkwilini prospettivi tagħha. L-applikant qiegħed jawtorizza lill-Awtorità tad-Djar sabiex il-kontijiet tad-dawl u l-ilma jinqalbu fuq l-inkwilini prospettivi tagħha.

(g) Temenda Klawsola 3.12 biex taqra kif ġej:

3.12 L-applikant għandu jagħmel polza ta' assikurazzjoni kontra kull riskju inkluż *third party risks* fuq il-blokk/ proprjetà inkluż il-partijiet komuni offruta lill-Awtorità taħt din l-iskema. Oltre dan, l-applikant jintrabat li kull sena jibgħat lill-Awtorità kopja ta' din il-polza. Jekk is-sid jonqos milli jagħmel jew iħallas l-assikurazzjoni allura l-Awtorità tad-Djar ikollha id-dritt li tħallasha hi u tnaqqas kull ammont minnha mħallsa mill-kera dovuta lill-applikant. U dan kollu jkun jista jsir b'sempliċi ittra mibgħuta mill-Awtorità lill-applikant li tavżah dwar dan.

(h) Temenda Klawsola 3.14 biex taqra kif ġej:

3.14 Il-kċina għandha tkun mgħammra bi *fridge freezer, hood, forn* u *hob* li jridu jkunu f'kundizzjoni tajba ħafna. Il-kamra tal-banju kompluta għandha tinkludi doċċa/banju, sink, WC, *water heater* u aċċessorji oħra u għandha tkun f'kundizzjoni tajba ħafna. F'każ li matul il-kirja l-*fridge freezer, hood*, forn, *hob* u l-*water heater* ikollhom bżonn jinbidlu, l-Awtorità jkollha id-dritt tibdilhom mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li jiġi infurmat l-applikant. L-Awtorità tad-Djar u l-applikant jiftiehmu illi dawn l-oġġetti mobbli ma jridux jiġu ritornati lura lill-applikant fit-terminazzjoni tal-kirja jew wara l-iskadenza tal-għaxar (10) snin ta' din il-kirja skont liema minn dawn jiġi l-ewwel.

(i) Temenda Klawsola 3.15 biex taqra kif ġej:

3.15 Il-partijiet komuni tal-blokk tal-appartamenti għandhom ikunu kompluti minn kollox u jinkludu l-lift fejn possibbli, sistema ta' *intercom, meters cupboard*, sistema tal-elettriku, poġġaman tat-taraġ u kaxxi tal-ittri;

of the maintenance fee is to take place at the rate of 2% per annum. The applicant is to remain responsible for the residents' association and related obligations as per Clause 3.17

(f) Amend Clause 3.10 to read as follows:

3.10 The applicant authorises the Housing Authority to sublet the property to third parties for residential purposes at its absolute discretion. The Authority will have exclusive rights to collect the rent due by her prospective tenants. In return, the applicants will authorise the Housing Authority to transfer the bills of both water and electricity services onto the prospective tenants.

(g) Amend Clause 3.12 to read as follows:

3.12 The applicant must insure against all risks, including third party risks, the block/property including the common parts, being offered to the Authority under this scheme. In addition, they also bind themselves to submit to the Authority, on a yearly basis, a copy of the said policy. If the applicants fail to insure or pay the insurance, the Authority will have the right to pay for such policy and deducts rent payable to applicant with the amount of insurance paid. A letter will be then sent by the Authority to the applicant to inform him of the above.

(h) Amend Clause 3.14 to read as follows:

3.14 A fitted kitchen should be installed including appliances consisting of a fridge/freezer, a hood, hob and oven in very good condition. The full equipped bathroom, which should be in a very good condition, should include shower/bath, wash hand basin, water closet, a water heater and accessories. In case, during the duration of the lease agreement, any one of the appliances needs to be replaced, the Housing Authority may take the necessary action to replace it without the need for consent of the applicant. The Housing Authority and the applicant agree that these movable objects are not to be returned to applicant at the termination of the lease agreement or after the lapse of the ten year period whichever comes first.

(i) Amend Clause 3.15 to read as follows:

3.15 The common parts of block of apartments should be fully finished including lift where possible, intercom system, meter cupboards, electricity system, stair railing and letter boxes;

(j) Temenda Klawsola 3.16 biex taqra kif ġej:

3.16 L-applikant hu responsabbli għat-tiswijiet u manutenzjoni straordinarja tal-proprjetà li għandha tinkludi, iżda mhux biss, tiswijiet strutturali, manutenzjoni anke ordinarja tal-bjut, btieħi, appoġġi u faċċati u kull difett relatat mas-sistemi tal-ilma, dawl u drenaġġ. Oltre dan, l-applikant huwa responsabbli wkoll li jagħmel it-tiswijiet kollha meħtieġa kkawżati minn nuqqas ta' manutenzjoni imsemmija hawn fuq;

(j) Amend Clause 3.16 to read as follows:

3.16 The applicant is responsible for all extraordinary repairs and maintenance of the property including, but not only, the structural repairs, ordinary maintenance of the external envelope, any faults related to the plumbing, electricity and drainage system. In addition the applicant is also responsible to reinstate any damages caused by lack of proper maintenance described above;

(k) Temenda Klawsola 3.17 biex taqra kif ġej:

3.17 L-applikant huwa responsabbli wkoll għat-tiswijiet u manutenzjoni ordinarja u straordinarja tal-partijiet komuni tal-blokk tal-appartamenti, li jinkludu:

tiswijiet strutturali;
manutenzjoni tal-btieħi, appoġġi u faċċati;
manutenzjoni tal-bjut;
ħsarat fis-sistema tad-dawl tal-komun u *intercom*;

manutenzjoniu ħsarat tal-*lift* fejn applikabbli, li tinkludi wkoll iżda mhux biss, il-*maintenance agreement*, ċertifikat tal-*engineer*, il-ħlas tal-linja tat-telefown;
tibjid regolari;
ħlasijiet tal-konsum u tal-*meters* tal-elettriku tal-komun,

Mentri, l-inkwilini tal-Awtorità tad-Djar huma responsabbli għat-tiswijiet u manutenzjoni ordinarja tal-fond mikri lilhom.

(k) Amend Clause 3.17 to read as follows:

3.17 The applicant is also responsible for all ordinary and extraordinary repairs and maintenance of the common parts of a block of apartments, which include:

structural repairs;
maintenance of the external envelope;
roof maintenance;
faults in electricity system in the common parts and intercom;
where a lift is installed, its maintenance agreement, certification of engineer, lift rescue service line charges and extraordinary and non scheduled repairs;
regular decoration works;
payments of the electricity and meter charges of the common parts,

On the other hand, the prospective tenants of the Authority will be responsible for the repairs and ordinary maintenance of the property leased to them.

(l) Tinkludi is-segwenti wara klawsola 3.18:

3.19 Il-ħlasijiet ta' dawl u ta' l-ilma, telefown u servizzi oħra a rigward tal-imsemmi proprjetà matul din il-kirja ikunu a karigu tal-Awtorità tad-Djar. Sa dakinhar tal-iffirmar tal-ftehim tal-kirja, is-sid għandu jħallas kull kont pendenti, kemm ta' konsum u kif ukoll ta' kirjiet tal-*meters* tal-proprjetà. Għal kull *buon fini* is-sid għandu jipproduċi dokument rigward l-istess kontijiet tal-elettriku u l-ilma li għandhom jiġu annessi mal-ftehim ta' kirja. L-imsemmija *meters* għandhom jinqalbu fuq l-Awtorità tad-Djar fi żmien sebat ijiem mid-data tal-ftehim tal-kirja mal-applikant, u l-istess applikant huwa tenut li jforni d-dokumentazzjoni in mertu lill-Awtorità tad-Djar.

(l) Add the following Clauses after Clause 3.18:

3.19 The Housing Authority is responsible for the payment of all utilities bills including, water, electricity and telephone services. On the date of the signing of the rental agreement, the applicant binds himself to settle all pending bills covering both the consumption and the rental of all utility meters. In addition, the applicant is obliged to present evidence showing that all bills are settled, which evidence is to be attached to the rental agreement. The utility bills are to be transferred onto the Housing Authority by the applicant within seven days from the date of the rental agreement and the same applicant is to furnish the Authority with the necessary documents to effect the transfer.

3.20 Matul din il-kirja, l-applikant għandu jinforma lill-Awtorità tad-Djar f'każ ta' bejgħ jew trasferiment tal-imsemmi immobbli. F'każ li l-applikant ibigħ jew jittrasferixxi lil terzi l-imsemmi immobbli waqt din il-kirja,

3.20 During the rental period, the applicant binds himself to inform the Authority in case he intends to transfer the property to third parties. In the case where the property is transferred to third parties during the rental period, the applicant is obliged

huwa obbligat illi jinforma lill-akkwirenti l-ġodda illi l-fond huwa suġġett għal kirja odjerna u dana bil-kundizzjonijiet u termini kollha li jirregolawha. Inoltre, mal-kuntratt tal-bejgħ /trasferiment lil terżi, għandha tiġi annessa kopja ta' dan il-kuntratt ta' kirja.

3.21 L-applikant jirriżerva d-dritt illi jispezzjona l-immobbli offrut taħt din l-iskema, f'liema każ, huwa għandu jagħti preavviż ta' dan lill-Awtorità tad-Djar ta' mill-inqas tmienja u erbgħin siegħa u għandu jispezzjona biss kemm-il darba jkun akkumpanjat minn uffiċjal tal-Awtorità tad-Djar.

(m) Temenda Klawsola 4.6 biex taqra kif ġej:

4.6 Taċċerta li kull taxxa dovuta mill-applikant fuq id-dħul a bażi ta' proprjetajiet mikrija lill-Awtorità taħt din l-iskema, għandha tiġi mħallsa u sopportata mill-Awtorità tad-Djar.

(n) Temenda Klawsola 5.3 biex taqra kif ġej:

5.3 F'każ illi l-proprjetà jew blokk ta' appartamenti li għaliha saret applikazzjoni taħt din l-iskema tkun fi stat *shell* jew fuq il-pjanta, ftehim ta' *Availability* jiġi iffirmat bejn l-Awtorità tad-Djar u l-applikant. L-Awtorità tad-Djar tirriżerva d-dritt li tagħmel spezzjoni meta l-istess proprjetà tkun kompluta minn kollox u l-istess Awtorità jkollha d-dritt li ma taċċettax il-proprjetà anke wara li jkunu saru bidliet fil-proprjetà (anke jekk dawn il-bidliet ikunu ġew mitluba mill-Awtorità) jekk il-kwalità ta' *finishes* ma jkunux aċċettabbli għall-Awtorità. Dawn l-applikanti għandhom jobbligaw ruħhom biex ilestu il-proprjetà minn kollox, fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorità, iżda fi żmien ta' mhux aktar minn sentejn mid-data tal-ħruġ tal-approvazzjoni proviżorja tal-applikazzjoni;

(o) Temenda klawsola 7 biex taqra kif ġej:

7. Il-ftehim ta' kirja bejn l-Awtorità tad-Djar u l-applikanti jista' jiġi terminat f'każ li kwalunkwe kundizzjoni ta' din l-iskema jew naxxenti mill-kuntratt ma tiġix imħarsa mill-applikant kif ukoll minħabba nuqqasijiet tal-applikant fit-twettiq tal-obbligi tiegħu. Oltre dan, u f'dawn iż-żewġ każijiet, fejn l-Awtorità ma tagħżilx li tittermina l-kirja, l-Awtorità tad-Djar ikollha dritt li timponi penali ta' mhux aktar minn €20 kuljum sakemm l-applikanti jirregolaw ruħhom mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt u ta' din l-iskema.

to inform the prospective buyers that the property is subject to a rental agreement together with the terms and conditions regulating same rental. In addition, the applicant is to attach the rental agreement entered into between himself and the Authority to the deed of sale of same property.

3.21 The applicants reserve the right to inspect the immovable property offered for rent under this scheme, in which case, he obliges himself to inform the Authority at least forty eight hours before the inspection and also carries out the inspection if he is accompanied by an official of the Authority.

(m) Amend Clause 4.6 to read as follows:

4.6 Ensure that the tax due by the successful applicant on the rental income of the property rented to the Authority under this scheme, will be paid by the Authority.

(n) Amend Clause 5.3 to read as follows:

5.3 Where the property or block of flats indicated in the application submitted under this scheme are still in shell form or on plan, an availability agreement between the Housing Authority and the applicant will be signed where the Authority binds itself to rent the property once all finishes are completed. The Authority reserves the right to carry out a final inspection when the property is completed with all the finishes and shall also have the right not to accept the property even where modifications would have been made, (even if such modifications would have been ordered by the Authority) where the quality of the finishes are not acceptable to the Authority. Applicants must oblige themselves to finish the property from everything, at the absolute discretion of the Authority, and not beyond the time of two years from the date of the signing of the availability agreement.

(o) Clause 7 to read as follows:

7. The lease agreement between the Authority and the applicants may be terminated in case where any of the conditions of the scheme or the rental agreement are breached by the applicant as well as in the eventuality that the applicant fails to observe to his obligations. In addition, where the Housing Authority decides not to terminate the lease agreement, the Authority will have the right to impose a penalty up to a maximum of €20 per day until the applicants regularise themselves with the conditions of both the scheme and rental agreement.

DIVIŻJONI GĦALL-MIŻURI U S-SAPPORT,
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ U DJALOGU SOĊJALI
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ
U L-UGWALJANZA

Avviż – 1 ta' Frar 2018
Business Enhance ERDF Grant Schemes

Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2014-2020
It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li Tilqa' l-Isfidi Tagħna

Il-*Measures and Support Division* fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza (MEAE), maħtura mill-Awtorità ta' Ġestjoni f'Malta għall-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020 biex isservi bħala l-Korp Intermedjarju responsabbli mill-amministrazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna għall-intrapriżi taħt il-Fond ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, tixtieq tħabbar it-tnedija tas-sejħa elenkata hawn taħt:

It-Tielet Sejħa – *Start-up Investment Grant Scheme*

Ass Prijoritarju 3 – 'It-titjib tal-kompetittività permezz tal-investimenti fl-SMEs'

Din is-sejħa se tkun amministrata permezz ta' sistema ta' *open rolling call*.

Il-*cut-off dates* li jmiss huma:
Il-Ġimgħa, it-30 ta' Marzu, 2018, f'nofsinhar;
Il-Ħamis, il-31 ta' Mejju, 2018, f'nofsinhar;
It-Tlieta, il-31 ta' Lulju, 2018, f'nofsinhar.

Se tiġi organizzata sessjoni ta' informazzjoni għall-applikanti prospettivi fl-14 ta' Frar, 2018. Applikanti prospettivi jistgħu jirreġistraw minn din il-*link:* (https://businessenhance.gov.mt/en/Pages/Information-Sessions.aspx).

Aktar tagħrif u dokumentazzjoni dwar din is-sejħa, inklużi n-Noti Gwida rispettivi u l-Linji Gwida tal-Implimentazzjoni jistgħu jinkisbu minn (https://businessenhance.gov.mt).

It-2 ta' Frar, 2018

MEASURES AND SUPPORT DIVISION,
PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR EU FUNDS AND SOCIAL DIALOGUE
MINISTRY FOR EUROPEAN AFFAIRS
AND EQUALITY

Announcement – 1st February 2018
Business Enhance ERDF Grant Schemes

Operational Programme I – Cohesion Policy 2014-2020
Fostering a Competitive and Sustainable Economy to Meet Our Challenges

The Measures and Support Division within the Ministry for European Affairs and Equality (MEAE), designated by the Managing Authority as the Intermediate Body responsible for administering aid schemes for enterprises under the European Regional Development Fund (ERDF) under the 2014 – 2020 programming period, would like to announce the following call:

Call 3 – Start-up Investment Grant Scheme

Priority Axis 3 – 'Enhancing Malta's competitiveness through investment in SMEs'

This scheme shall now be administered through an open rolling call system.

Next cut-off dates:
Friday, 30th March, 2018, at noon;
Thursday, 31st May, 2018, at noon;
Tuesday, 31st July, 2018, at noon.

An information session will be held for prospective applicants on 14th February, 2018. Prospective applicants may register through the following link: (https://businessenhance.gov.mt/en/Pages/Information-Sessions.aspx).

Further information on this call including the respective Guidance Notes and the Guidelines for Implementation may be obtained from (https://businessenhance.gov.mt).

2nd February, 2018

Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna"
Avviż parzjalment iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEZR)
Rata ta' kofinanzjament: Eliġibbli għall-Pubbliku
(80% Fondi mill-UE; 20% Fondi Nazzjonali)

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Advert part-financed by the European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: Public Eligible (80% European Union; 20% National Funds)

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għall-Post ta' *Security Guard* fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastuttura u Proġetti Kapitali – 2018

L-EWWEL PARTI – Eżami bil-Kitba

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat tal-eżami msemmi ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Mall, Triq Sarria, il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

It-2 ta' Frar, 2018

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru L.S. 65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-*compound* ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu ma jinġabrux u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sas-17 ta' Frar, 2018, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjon tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2555 5446/70 bejn is-7.30 a.m. u nofsinhar jew minn (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru. ta' Reġistrazzjoni tal-Vettura *Vehicle Registration No.*
Ford	Ka	Black	CJ207ZP
BMW	3 Series	Silver	DF278WD

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Examination for the Post of Security Guard in the Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects – 2018

PART I – Written Examination

The Director of Examinations notifies that the result of the above examination has been published and may be seen at the Examinations Department, the Mall, Triq Sarria, Floriana, and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours.

2nd February, 2018

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations S.L. 65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicles. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by the 17th February, 2018 will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained on Tel. No. 2555 5446/70 between 7.30 a.m. and noon or from (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru. ta' Reġistrazzjoni tal-Vettura *Vehicle Registration No.*
Mercedes Benz	A170CDI	Red	HBG453
Peugeot	Partner 190C	White	KBI389
Toyota	Yaris	Blue	BL239WL
Jaguar	XJ8	Beige	FCG827
Renault	N/A	Blue	BZ990CM
Fiat	500	Black	DL701YK
BMW	Z3	Red	AN595TB

It-2 ta' Frar, 2018

2nd February, 2018

ISTITUT GĦALL-EDUKAZZJONI

Lista ta' *direct orders* mogħtija mill-Istitut għall-Edukazzjoni matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2017 u l-31 ta' Diċembru, 2017, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi LN 352/2016.

It-2 ta' Frar, 2018

INSTITUTE OF EDUCATION

List of direct orders awarded by the Institute of Education during the period between 1st July, 2017 and 31st December, 2017, published in terms of Article 111(2) of the Public Procurement Regulations LN 352/2016.

2nd February, 2017

Nru. tar-Ref. tad-*Direct Order* *Direct Order Reference No.*	Isem id-*Direct Order*/ Suġġett tad-*Direct Order* *Direct Order Name/ Subject of Direct Order*	Data Approvata *Approval Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża VAT *Contract Value Excl. VAT*
MEDE 1082/16	Turnitin originality check for plagiarism	15.11.2017	Turnitin	€9,000.00

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Lista ta' offerti, kwotazzjonijiet u *direct orders* mogħtija mill-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2017 u l-31 ta' Diċembru, 2017, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi LN 352/2016.

It-2 ta' Frar, 2018

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

List of tenders, quotations and direct orders awarded by the Malta College of Arts Science and Technology (MCAST) during the period between 1st July, 2017 and 31st December, 2017, published in terms of Article 111(2) of the Public Procurement Regulations LN 352/2016.

2nd February, 2017

Offerti tal-MCAST/*MCAST Tenders*

Referenza tal-Offerta *Tender Reference No.*	Isem l-Offerta/Suġġett tal-Offerta *Tender Name/Subject of Tender*	Data tal-għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża VAT *Contract Value Excl. VAT*
MCAST/MEDE/ MPU/002/2016	Tender for the provision of Preventive maintenance services for HVAC systems at all MCAST sites	25th July 2017	Titan International Limited	€78,078.90

Referenza tal-Offerta *Tender Reference No.*	Isem l-Offerta/Suġġett tal-Offerta *Tender Name/Subject of Tender*	Data tal-għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża VAT *Contract Value Excl. VAT*
MCAST/MEDE/MPU/003/2017	Tender for a period contract for the leasing of new energy efficient multifunction printing machines for MCAST	11th September 2017	Image Systems Ltd	€202,147.20
MCAST/MEDE/MPU/001/2017	Tender for the leasing of hygiene sanitary bins to the Malta College of Arts Science and Technology	31st October 2017	Clean Master Co. Ltd	€15,000.00
MCAST/MEDE/MPU/005/2017	Tender for the provision of secure documents to the MCAST using environmentally friendly paper	24th November 2017	Galaxy Ltd	Lot 1 - €8,910.00 Lot 2 - €5,600.00 € **14,510.00**
MCAST/MEDE/MPU/007/2017	Tender for the provision of building material testing services to various MCAST sites	18th December 2017	Terracore Ltd	Lot 1 - €36,527.00 Lot 2 - €55,456.00 Lot 3 - €64,638.00 €**156,630.00**

Kwotazzjonijiet tal-MCAST/*MCAST Quotations*

Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Reference No.*	Isem tal-Kwotazzjoni/Suġġett tal-Kwotazzjoni *Quotation Name/Subject of Quotation*	Data tal-għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża VAT *Contract Value Excl. VAT*
Q.09/17	Supply, delivery and installation of fire rated timber doors	25th August 2017	Firetech Ltd	€6,935.60
Q.05/17	Provision of passenger transport services in an environmentally friendly manner to the MCAST	13th September 2017	Leone Grech	€10,000.00
Q.11/17	Supply and delivery of animal feeds	16th October 2017	K9 Enterprises Ltd	€10,231.50
Q.13/17	Supply, delivery, installation and commissioning of energy efficient IMAC computers to the MCAST Institute for the Creative Arts, Mosta	17th October 2017	SG Solutions	€9,835.00
Q.10/17	Supply and delivery of various types of timber to the MCAST	7th November 2017	Pace & Mercieca Ltd	€9,145.24
Q.14/17	Supply, delivery and installation of sprung flooring at the MCAST Institute for the Creative Arts Mosta	21st November 2017	De Valier Co. Ltd	€8,600.00

Direct Orders tal-MCAST/*MCAST Direct Orders*

Nru. tar-Ref. tad-*Direct Order* *Direct Order Reference No.*	Isem id-*Direct Order*/ Suġġett tad-*Direct Order* *Direct Order Name/ Subject of Direct Order*	Data Approvata *Approval Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża VAT *Contract Value Excl. VAT*
CT.2272/16	Provision of hands on training services in printing related processes	18th July 2017	Gutenberg Press	€5,000.00
N/A	Purchase of Airbus airframe	22nd August 2017	Fenix Recycling BVBA	€55,000.00

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Sospensjoni tat-Traffiku u Pparkjar

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi nhar il-Ħadd, l-4 ta' Frar, 2018, Pjazza Żjara tal-Madonna minn Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq il-Viżitazzjoni ħadd ma jista' jipparkja u ħadd ma jista' jgħaddi mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m.

It-2 ta' Frar, 2018

GĦARB LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Għarb Local Council notifies that on Sunday, 4th February, 2018, Pjazza Żjara tal-Madonna from Triq il-Knisja corner with Triq il-Viżitazzjoni will be no parking and closed to traffic from 8.00 a.m. to 1.00 p.m.

2nd February, 2018

KUNSILL LOKALI N-NAXXAR

Sospensjoni ta' Pparkjar u Traffiku

Il-Kunsill Lokali n-Naxxar jgħarraf li nhar il-Ħadd, il-11 ta' Frar, 2018, mis-6.00 a.m. sas-2.00 p.m., parti minn Vjal il-Labour minn kantuniera ma' Vjal il-21 ta' Settembru sa kantuniera ma' Triq il-Ġdida (il-parti ta' maġenb il-*playing field*) se tkun meqjusa bħala żona ta' urmonk, u wkoll mhux se tkun aċċessibbli għat-traffiku

Triq il-Ġdida (il-parti ta' maġenb il-*playing field*) ukoll se tkun meqjusa bħala żona ta' rmonk.

Is-2 ta' Frar, 2018

NAXXAR LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking and Traffic

The Naxxar Local Council notifies that on Sunday, 11th February, 2018, from 6.00 a.m. up to 2.00 p.m., part of Vjal il-Labour from corner with Vjal il-21 ta' Settembru up to corner with Triq il-Ġdida (the part adjacent to the playing field) shall be considered as a towing zone and will also not be accessible to traffic.

Triq il-Ġdida (the part adjacent to the playing field) shall also be considered as a towing zone.

2nd February, 2018

KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

Sospensjoni ta' Pparkjar

Il-Kunsill Lokali San Ġwann jixtieq jgħarraf li ħadd ma jista' jipparkja fiż-żewġ (2) parkeġġi fi Vjal ir-Rihan, quddiem il-knisja parrokkjali fil-granet li ġejjin: minn nhar il-Ħadd, il-11 ta' Frar, 2018, mit-8.00 a.m., sal-Erbgħa, l-14 ta' Frar, 2018.

It-2 ta' Frar, 2018

SAN ĠWANN LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The San Ġwann Local Council notifies that no parking will be allowed in the two (2) parking spaces in Vjal ir-Rihan, in front of the Parish Church in the following days: from Sunday, 11th February, 2018, from 8.00 a.m., till Wednesday, 14th February, 2018.

2nd February, 2018

KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-laqgħa annwali tal-lokalità se ssir nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Frar, 2018, fis-6.30 p.m., fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħal Lija fi Triq Robert Mifsud Bonnici.

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar ħarġa tar-reġistru elettorali tal-Kunsill Lokali Ħal Lija huma mħeġġa biex jattendu u jipparteċipaw fil-laqgħa.

Il-parteċipanti jistgħu jagħtu s-suġġerimenti tagħhom għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

It-2 ta' Frar, 2018

ĦAL LIJA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual public meeting will be held on Wednesday, 7th February, 2018, at 6.30 p.m., at the Ħal Lija Local Council office, Triq Robert Mifsud Bonnici.

All residents whose names appear in the last Ħal Lija Local Council's Electoral Register are urged to attend and to participate in the discussion.

Participants can put forward their suggestions for the council's consideration.

2nd February, 2018

KUNSILL LOKALI L-ĦAMRUN

Sospensjoni tat-Traffiku u Pparkjar

Il-Kunsill Lokali l-Ħamrun jgħarraf fli l-okkażjoni tal-Festa tal-Baned fil-Karnival, il-parkeġġ ta' vetturi se jkun ipprojbit u se jkunu magħluqa bosta toroq kif indikat f'dan l-avviż:

Nhar is-Sibt, l-10 ta' Frar, 2018, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Kappillan Mifsud (minn Triq Manwel Magri sa Triq Ċensu Bugeja) mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m.

Triq il-Kappillan Mifsud (minn Triq Manwel Magri sa Triq Ċensu Bugeja) se tkun magħluqa għat-traffiku kollu mill-5.00 p.m. sal-11.30 p.m.

Traffiku li ġej minn Santa Venera direzzjoni l-Ħamrun/il-Belt Valletta se jkun iddevjat minn Triq il-Kappillan Mifsud għal Triq Mons. Depiro, filwaqt li traffiku li ġej mill-Belt Valletta direzzjoni l-Ħamrun se jkun iddevjat minn Triq Schembri għal Triq Pietru Xuereb/Triq Joe Sciberras għal Triq Manwel Magri.

Ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Kanun (minn Triq il-Kbira San Ġużepp sa Triq Antonio Miruzzi), mis-6.00 p.m. tas-Sibt l-10 ta' Frar, 2018 sal-11.00 a.m. tal-Ħadd, il-11 ta' Frar, 2018.

Ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Kbira San Ġużepp, minn Triq Nazzjonali għal Triq Schembri, mit-8.00 p.m. sal-11.30 p.m. tas-Sibt, il-11 ta' Frar, 2018.

Transport Pubbliku se jiġi ddevjat.

Vetturi pparkjati jiġu rmunkati.

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Frar, 2018, Triq il-Kbira San Ġużepp (minn Triq il-Kanun sa Triq Ħal Qormi), Triq Dun Nerik Cordina Perez, Triq il-Ferrovija, Triq l-Iskola, Triq is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar, Triq id-Duka ta' Edinburgh, Triq Tommaso Caruana Demajo, Triq Santu Wistin, Triq Fra Diegu, Triq Ċensu Borg u parti minn Triq Villambrosa (minn Triq Ċensu Borg sa Triq il-Kbira San Ġużepp) se jkunu magħluqa għat-traffiku kollu, mit-8.00 a.m. sat-3.00 p.m.

Ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Kbira San Ġużepp (minn Triq il-Kanun sa Triq Ħal Qormi) u fi Triq il-Kanun (bejn Triq il-Kbira San Ġużepp u Triq Antonio Miruzzi) mis-6.30 a.m. sat-3.00 p.m. tal-Ħadd, il-11 ta' Frar, 2018.

Traffiku li ġej minn Santa Venera direzzjoni l-Belt Valletta se jkun iddevjat minn Triq il-Kbira San Ġużepp għal Triq il-Lunzjata Santa Venera, filwaqt li traffiku li ġej mill-Belt Valletta direzzjoni l-Ħamrun se jkun iddevjat għal Triq Ħal Qormi/Triq Schembri.

Transport Pubbliku se jiġi ddevjat.

It-2 ta' Frar, 2018

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħamrun Local Council notifies that for the occasion of the 'Festa tal-Baned fil-Karnival' no parking is allowed in various streets and roads will be closed as follows:

On Saturday, 10th February, 2018, no parking is allowed in Triq il-Kappillan Mifsud (from Triq Manwel Magri to Triq Ċensu Bugeja) as from 4.00 p.m. till 11.00 p.m.

Triq il-Kappillan Mifsud (from Triq Manwel Magri to Triq Ċensu Bugeja) will be closed for all traffic as from 5.00 p.m. till 11.30 p.m.

Oncoming traffic from Santa Venera direction Ħamrun/ Valletta will be diverted from Triq il-Kappillan Mifsud to Triq Mons. Depiro, while oncoming traffic from Valletta direction Ħamrun will be diverted from Triq Schembri to Triq Pietru Xuereb/Triq Joe Sciberras to Triq Manwel Magri,

No parking is allowed in Triq il-Kanun (from Triq Antonio Miruzzi to Triq il-Kbira San Ġużepp) as from 6.00 p.m. of Saturday 10th February, 2018 till 11.00 a.m. of Sunday, 11th February, 2018.

No parking is allowed in Triq il-Kbira San Ġużepp, as from Triq Nazzjonali till Triq Schembri, as from 8.00 p.m. till 11.30 p.m. of Saturday, 11th February, 2018.

Public Transport will be diverted.

Parked vehicles will be towed.

On Sunday, 11th February, 2018, Triq il-Kbira San Ġużepp (from Triq il-Kanun to Triq Ħal Qormi), Triq Dun Nerik Perez, Triq il-Ferrovija, Triq l-Iskola, Triq is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar, Triq id-Duka ta' Edinburgh, Triq Tommaso Caruana Demajo, Triq Santu Wistin, Triq Fra Diegu, Triq Ċensu Borg and part of Triq Villambrosa (from Triq Ċensu Borg to Triq il-Kbira San Ġużepp) will be closed for all traffic as from 8.00 a.m. till 3.00 p.m.

No parking is allowed in Triq il-Kbira San Ġużepp (from Triq il-Kanun to Triq Ħal Qormi) and in Triq il-Kanun (from Triq il-Kbira San Ġużepp to Triq Antonio Miruzzi Santa Venera) as from 6.30 a.m. till 3.00 p.m. on Sunday, 11th February, 2018.

Oncoming traffic from Santa Venera direction Valletta will be diverted from Triq il-Kbira San Ġużepp to Triq il-Lunzjata Santa Venera, while oncoming traffic from Valletta direction Ħamrun will be diverted to Triq Ħal Qormi/Triq Schembri.

Public Transport will be diverted.

2nd February, 2018

KUNSILL LOKALI L-MARSA

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Marsa jgħarraf li fid-dati msemmija hawn taħt ħadd ma jista' jipparkja fi Pjazza G. F. Abela, Marsa minħabba attivitajiet mill-Kunsill.

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Frar, 2018, bejn il-5.00 p.m. u t-8.00 p.m.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Frar, 2018, mis-6.00 p.m., sal-Ġimgħa, id-9 ta' Frar, 2018, f'nofsillejl.

It-2 ta' Frar, 2018

MARSA LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Marsa Local Council notifies that on the hereunder mentioned dates no vehicles can park at G. F. Abela Square, Marsa due to activities organised by the Council.

On Saturday, 3rd February, 2018, from 5.00 p.m. till 8.00 p.m.

On Thursday, 8th February, 2018, from 6.00 p.m., till Friday, 9th February, 2018, at midnight.

2nd February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi PMCs, offerti u kwotazzjonijiet elettroniċi dwar l-avviżi li ġejjin se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, it-28 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. MESDC 23/2017 (PMC 2/2017). Konsultazzjoni tas-suq preliminarja għall-irkupru ta' demel tal-bhejjem minn *farms* tal-baqar u ħnieżer u l-espotazzjoni sussegwenti tiegħu.

Id-data tal-għeluq tal-avviż ta' hawn fuq ġie estiż mit-Tlieta, id-9 ta' Jannar, 2018.

Id-dokumenti tal-PMC/offerti/kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jistgħu jintwerew jew jitniżżlu u sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

It-2 ta' Frar, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic PMCs, tenders and quotations in respect of the following notices will be received on the day and time indicated below:

Up to Wednesday, 28th February, 2018 at 10.00 a.m., for:

Advt No. MESDC 23/2017 (PMC 2/2017). Preliminary market consultation for the retrieval of livestock slurry/manure from cattle and pig farms and its subsequent export.

The closing date of the above advert has been extended from Tuesday, 9th January, 2018.

PMC/tender/quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

2nd February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, is-6 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. MESDC 160/2017 (Avviż 1/2018). Offerta ta' servizz għal studju xjentifiku indipendenti fuq l-influss jew il-passaġġ ta' summien komuni migratorju u gamiem f'Malta matul l-istaġun tar-Rebbiegħa 2018.

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The Wild Birds Regulation Unit within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below:

Up to 10.00 a.m. of Tuesday, 6th February, 2018, for:

Advt No. MESDC 160/2017 (Advert 1/2018). Service tender for an independent scientific study on the influx or passage of migratory common quail and turtle dove in Malta During the 2018 Spring Season.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jistgħu jintwerew jew jitniżżlu u sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

It-2 ta' Frar, 2018

Tender documents are free of charge and are to be viewed or downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

2nd February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Direttorat tal-PARKS u Inizjattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi offerti/kwotazzjonijiet elettroniċi dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, id-9 ta' Frar, 2018, għal:

Kwot. Nru. PARK 4/2016/2 (Kwotazzjoni 1/2018). Provvediment ta' servizz ta' manutenzjoni komprensiva għal fatturi tal-Ilma fil-Park tal-Familja ta' Sant'Antnin.

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, l-20 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. PARK 7/2013/44 (Avviż 5/2018). Servizzi ta' tindif li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent fil-Park tal-Familja ta' Sant'Antnin.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jidhru/jitniżżlu u jiġu sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

It-2 ta' Frar, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The PARKS and Initiatives Directorate within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic tenders/quotations in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below:

Up to Friday, 9th February, 2018, at 10.00 a.m., for:

Quot. No. PARK 7/2013/45 (Quotation 1/2018). Provision of a Comprehensive maintenance service to the water features at Sant'Antnin Family Park.

Up to Tuesday, 20th February, 2018, at 10.00 a.m., for:

Advt No. PARK 7/2013/44 (Advert 5/2018). environmentally friendly cleaning services at Sant'Antnin Family Park.

Quotation/tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

2nd February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Il-Biċċerija fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima tgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, il-15 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. MSDEC/AGR 59/2017 (Avviż 2/2018). Provvista u konsenja ta' *food-grade printing consumables* (*labels*).

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jistgħu jintwerew jew jitniżżlu u sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

It-2 ta' Frar, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The Public Abattoir within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below:

Up to Thursday, 15th February, 2018, at 10.00 a.m., for:

Advt No. MSDEC/AGR 59/2017 (Advert 2/2018). Supply and delivery of food-grade printing consumables (labels).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

2nd February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, il-15 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. F 95/2017 (Avviż 3/2018). Xogħlijiet ta' rinovar ta' żewġ *hoist cranes* li jinsabu f'*hard-standing facility* f'Marsaxlokk.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jidhru/jitniżżlu u jiġu sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

It-2 ta' Frar, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The Department of Fisheries and Aquaculture within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below:

Up to Thursday, 15th February, 2018, at 10.00 a.m., for:

Advt No. F 95/2017 (Advert 3/2018). Refurbishment works of two hoist cranes located at the hard-standing facility, Marsaxlokk.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

2nd February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Diviżjoni għar-Regolamentazzjoni Veterinarja u Fitosanitarja fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima tgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, il-15 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. VPRD 186/2017 (Avviż 3/2018). Provvista u konsenja ta' tubi tal-*vacuum*, labar u *plastic holders* għall-kollezzjoni ta' kampjuni tad-demm għal għanijiet ta' analiżi fid-Diviżjoni għar-Regolamentazzjoni Veterinarja u Fitosanitarja

